ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea L 39

Volum 51

Edizzjoni bil-Malti Leġiżlazzjoni 13 ta' Frar 2008

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

★ **Regolament (KE) Nru 106/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar programm Komunitarju ta' tikkettar dwar l-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir ta' l-uffiċċju (verżjoni mfassla mill-ġdid)** ........ 1

★ **Regolament (KE) Nru 107/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1924/2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni** .... 8

★ **Regolament (KE) Nru 108/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1925/2006 dwar iż-żieda ta' vitamini u minerali u ta' ċerti sustanzi oħra ma' l-ikel** ........ 11

★ **Regolament (KE) Nru 109/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1924/2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel** ........ 14

★ **Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, ta' xorb spirituż u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89** ............ 16



MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

I

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT (KE) Nru 106/2008 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tal-15 ta' Jannar 2008**

**dwar programm Komunitarju ta' tikkettar dwar l-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir ta' l-uffiċċju**

**(verżjoni mfassla mill-ġdid)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Waqt li jaġixxu konformement mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat [2],

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 2422/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar programm tal-Komunità dwar l-ittikkettjar ta' l-użu effiċjenti ta' l-enerġija għat-tagħmir ta' l-uffiċċju [3] jeħtieġ għadd ta' emendamenti sostanzjali. Dak ir-Regolament għandu jitfassal mill-ġdid għal raġunijiet ta' ċarezza.

(2) It-tagħmir ta' l-uffiċċju għandu sehem sinifikanti mill-konsum totali ta' l-elettriku. Il-mudelli varji disponibbli fis-suq tal-Komunità għandhom livelli differenti ħafna ta' konsum ta' l-enerġija għal funzjonalitajiet simili, u hemm potenzjal qawwi biex titjieb l-effiċjenza enerġetika tagħhom.

(3) It-titjib ta' l-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir ta' l-uffiċċju għandu jgħin biex titjieb il-kompetittività tal-Komunità u s-sigurtà tal-provvista tagħha ta' l-enerġija, u biex ikunu protetti l-ambjent u l-konsumaturi.

(4) Huwa importanti li jkunu promossi miżuri immirati lejn il-funzjonament korrett tas-suq intern.

(5) Huwa mixtieq li jkunu koordinati l-inizjattivi nazzjonali dwar l-ittikkettar dwar l-effiċjenza enerġetika biex jitnaqqas l-impatt ħażin fuq l-industrija u l-kummerċ tal-miżuri meħuda biex dawn jiġu implimentati.

(6) Ladarba l-għan ta' l-azzjoni proposta, jiġifieri li jiġu stabbiliti regoli għall-programm Komunitarju ta' tikettar dwar l-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir ta' l-uffiċċju, ma jistax jintlaħaq suffiċjentement mill-Istati Membri u jista' għalhekk jintlaħaq aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri konformement mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Konformement mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-għan.

(7) Il-Protokoll tal-Konvenzjoni Kwadru tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima miftiehem fi Kyoto nhar l-11 ta' Diċembru tal-1997 isejjaħ għal tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' gassijet serra tal-Komunità ta' 8 % mhux aktar tard mill-perjodu 2008 sa 2012. Sabiex jintlaħaq dan il-għan, huma meħtieġa miżuri iktar b'saħħithom biex inaqqsu emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju fil-Komunità.

(8) Minbarra dan, id-Deċiżjoni Nru 2179/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 1998 dwar ir-reviżjoni tal-programm tal-Komunità Ewropea dwar il-politika u l-azzjoni relatati ma' l-ambjent u l-iżvilupp sostenibbli "Lejn is-sostenibbiltà" [4], indikat il-provvista ta' tikketti dwar l-effiċjenza enerġetika ta' apparat bħala prijorità ewlenija għall-integrazzjoni ta' rekwiżiti ambjentali fir-rigward ta' l-enerġija.

[1] ĠU C 161, 13.7.2007, p. 97.

[2] Opinjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' Lulju 2007 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2007.

[3] ĠU L 332, 15.12.2001, p. 1.

[4] ĠU L 275, 10.10.1998, p. 1.

(9) Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Diċembru 1998 dwar l-effiċjenza enerġetika fil-Komunità Ewropea ([1]) appellat biex jiżdied l-użu ta' l-ittikkettar ta' apparat u tagħmir.

(10) Huwa mixtieq li jiġu kkoordinati r-rekwiżiti għall-użu effiċjenti ta' l-enerġija, it-tikketti u l-metodi ta' ttestjar kull fejn huwa xieraq.

(11) Il-biċċa l-kbira tat-tagħmir ta' l-uffiċċju li juża l-enerġija b'mod effiċjenti hu disponibbli bi ftit jew mingħajr ebda spiża żejda u jista' għalhekk f'ħafna każijiet jikkumpensa għal kull spiża addizzjonali permezz ta' tnaqqis fil-ħela ta' l-elettriku fi żmien raġonevolment qasir. L-oġġettivi ta' tnaqqis fil-ħela ta' l-enerġija u tnaqqis tad-dijossidu tal-karbonju jistgħu għalhekk jinkisbu b'mod li jkun ekonomikament effiċjenti f'dan il-qasam, mingħajr żvantaġġi għall-konsumatur jew l-industrija.

(12) It-tagħmir ta' l-uffiċċju hu kummerċjalizzat madwar id-dinja kollha. Il-Ftehim ta' l-20 ta' Diċembru 2006 bejn il-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-Komunità Ewropea dwar il-koordinazzjoni tal-programmi ta' tikkettar dwar l-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir ta' l-uffiċċju ([2]) (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim") għandu jiffaċilita l-kummerċ internazzjonali u l-protezzjoni ta' l-ambjent għal dan it-tagħmir. Il-Ftehim għandu jiġi implimentat fil-Komunità.

(13) It-tikketta ta' l-Energy Star dwar effiċjenza enerġetika tintuża madwar id-dinja. Sabiex jiġu influwenzati r-rekwiżiti tal-programm ta' tikkettar Energy Star, il-Komunità għandha tipparteċipa fil-programm ta' tikkettar u fit-tfassil ta' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa. Meta jiġu stabbiliti dawk l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi flimkien ma' l-Aġenzija għall-Protezzjoni Ambjentali ta' l-Istati Uniti ("USEPA"), il-Kummissjoni għandha timmira lejn livelli ambizzjużi ta' effiċjenza enerġetika, fid-dawl tal-politika Komunitarja ta' l-effiċjenza enerġetika u l-miri tagħha ta' effiċjenza enerġetika.

(14) Hija meħtieġa sistema ta' infurzar effettiva biex tassigura li l-programm ta' tikkettar dwar l-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir ta' l-uffiċċju ikun implimentat sew, jiggarantixxi kondizzjonijiet ġusti tal-kompetizzjoni għall-produtturi u jipproteġi d-drittijiet tal-konsumatur.

(15) Dan ir-Regolament għandu japplika biss għat-tagħmir ta' l-uffiċċju.

(16) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/75/KEE tat-22 ta' Settembru 1992 dwar l-indikazzjoni permezz ta' tikkettar u ta' informazzjoni standard tal-prodott dwar il-konsum ta' enerġija u riżorsi oħra minn apparat domestiku ([3]) mhijiex l-iktar strument adatt għat-tagħmir ta' l-uffiċċju. Il-miżura l-aktar effettiva ekonomikament għal promozzjoni ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija tat-tagħmir ta' l-uffiċċju hija programm ta' tikkettar volontarju.

(17) Hu meħtieġ li x-xogħol għall-kontribuzzjoni għall-istabbiliment u r-reviżjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi komuni jingħata lil organu adatt, il-Bord ta' l-Energy Star tal-Komunità Ewropea, sabiex tinkiseb l-implimentazzjoni effiċjenti u newtrali tal-programm ta' ttikettar dwar l-effiċjenza enerġetika. Dak il-Bord għandu jkun kompost minn rappreżentanti nazzjonali u rappreżentanti tal-partijiet interessati.

(18) Hu meħtieġ li jiġi żgurat li l-programm ta' l-ittikkettar dwar l-effiċjenza enerġetika għat-tagħmir ta' l-uffiċċju ikun konsistenti u koordinat mal-prijoritajiet tal-politika tal-Komunità u ma' skemi oħra ta' tikkettar jew ċertifikazzjoni tal-kwalità tal-Komunità bħal dawk stabbiliti mid-Direttiva 92/75/KEE u mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 880/92 tat-23 ta' Marzu 1992 dwar l-iskema tal-Komunità dwar l-għoti ta' tikketta eko ([4]).

(19) Il-programm ta' tikkettar dwar l-effiċjenza enerġetika għandu wkoll jikkumplimenta l-miżuri meħuda fil-kuntest tad-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2005 dwar it-twaqqif ta' qafas għall-iffissar tar-rekwiżiti għall-eko-disinn ta' prodotti li jużaw l-enerġija ([5]). Huwa għaldaqstant meħtieġ li jiġi żgurat li l-programm Energy Star u l-iskema dwar l-eko-diżinn jkunu konsistenti u koordinati.

(20) Hu mixtieq li l-programm Energy Star tal-Komunità jiġi koordinat, fuq il-bażi tal-Ftehim, u skemi volontarji oħra ta' tikkettar dwar l-effiċjenza enerġetika għal tagħmir ta' l-uffiċċju fil-Komunità, sabiex jiġu prevenuti l-konfużjoni għall-konsumaturi u d-distorsjoni potenzjali tas-suq.

(21) Hu meħtieġ li tkun garantita trasparenza fl-implimentazzjoni tal-programm Energy Star u tkun żgurata l-konsistenza tiegħu ma' l-istandards internazzjonali rilevanti sabiex ikun faċilitati l-aċċess għall-iskema għall-manifatturi u esportaturi minn pajjiżi barra l-Komunità u l-parteċipazzjoni fiha.

(22) Dan ir-Regolament iqis l-esperjenza miksuba tul il-perjodu tal-bidu ta' implimentazzjoni tal-programm Energy Star fil-Komunità,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Għan**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għall-programm Komunitarju ta' tikkettar dwar l-effiċjenza enerġetika għat-tagħmir ta' l-uffiċju (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Programm Energy Star") kif definit fil-Ftehim.

---

([1]) ĠU C 394, 17.12.1998, p. 1.

([2]) ĠU L 381, 28.12.2006, p. 26.

([3]) ĠU L 297, 13.10.1992, p. 16. Id-Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

([4]) ĠU L 99, 11.4.1992, p. 1. Ir-Regolament imħassar bir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 237, 21.9.2000, p. 1).

([5]) ĠU L 191, 22.7.2005, p. 29.

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu japplika għall-gruppi ta' prodotti ta' tagħmir ta' l-uffiċċju definiti fl-Anness Ċ mal-Ftehim, bla ħsara għal kull emenda għalih skond l-Artikolu XII tal-Ftehim.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

(a) "Logo Komuni" għandha tfisser il-marka li tidher fl-Anness A mal-Ftehim;

(b) "il-parteċipanti tal-programm" għandha tfisser manifatturi, muntaturi, esportaturi, importaturi, bejjiegħa bl-imnut u persuni jew organi oħra li jikkommettu lilhom infushom biex jippromwovu prodotti ta' l-uffiċċju speċifikati li jkunu effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija li jissodisfaw l-Ispeċifikazzjonijiet Komuni definiti fil-punt (c) u li għażlu li jipparteċipaw fil-programm Energy Star billi rreġistraw mal-Kummissjoni;

(ċ) "Speċifikazzjonijiet Komuni" għandha tfisser ir-rekwiżiti fir-rigward ta' l-effiċjenza enerġetika u tal-prestazzjoni, inklużi metodi ta' ttestjar, użati għad-determinazzjoni tal-kwalifika ta' prodotti ta' tagħmir ta' l-uffiċċju, li jkunu effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija, għall-finijiet tal-Logo Komuni.

*Artikolu 4*

**Prinċipji ġenerali**

1. Il-programm Energy Star għandu jiġi kkoordinat, kif meħtieġ, ma' arranġamenti oħra tal-Komunità dwar l-ittikkettar jew iċ-ċertifikazzjoni ta' kwalità kif ukoll ma' skemi bħal, partikolarment, l-iskema Komunitarja ta' l-għoti ta' tikketta eko stabbilita mir-Regolament (KEE) Nru 880/92, l-indikazzjoni permezz ta' l-ittikkettar u ta' informazzjoni standard tal-prodott dwar il-konsum ta' l-enerġija u ta' riżorsi oħra minn apparat domestiku stabbilita mid-Direttiva 92/75/KEE u l-miżuri li jimplimentaw id-Direttiva 2005/32/KE.

2. Il-Logo Komuni jista' jintuża minn parteċipanti fil-programm fuq il-prodotti individwali tagħhom ta' tagħmir ta' l-uffiċċju u fuq il-materjal ta' promozzjoni assoċjat.

3. Il-parteċipazzjoni fil-programm Energy Star għandha tkun fuq bażi volontarja.

4. Il-prodotti ta' tagħmir ta' l-uffiċċju li għalihom ngħata l-użu tal-Logo Komuni mill-USEPA għandhom jitqiesu konformi ma' dan ir-Regolament, sakemm ma jkunx hemm prova kontrarja.

5. Mingħajr preġudizzju għar-regoli Komunitarji dwar l-istima tal-konformità u l-immarkar ta' konformità u/jew għal xi ftehim internazzjonali konkluż bejn il-Komunità u pajjiżi terzi għar-rigward ta' aċċess għas-suq tal-Komunità, il-prodotti koperti minn dan ir-Regolament li huma mqiegħda fis-suq tal-Komunità jistgħu jiġu ttestjati mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri sabiex jivverifikaw il-konformità tagħhom mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 5*

**Reġistrazzjoni ta' parteċipanti fil-programm**

1. L-applikazzjonijiet għall-parteċipazzjoni fil-programm għandhom jiġu preżentati lill-Kummissjoni.

2. Id-deċiżjoni li tawtorizza applikant li jsir parteċipant fil-programm għandha tittieħed mill-Kummissjoni, wara li tkun ivverifikat li l-applikant qabel li jikkonforma mal-linji gwida għall-utenti tal-Logo Komuni, li jinsabu fl-Anness B għall-Ftehim. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fuq il-website ta' l-Energy Star lista aġġornata ta' parteċipanti fil-program u għandha regolarment tibgħatha lill-Istati Membri.

*Artikolu 6*

**Promozzjoni ta' kriterji ta' effiċjenza enerġetika**

Għat-tul ta' żmien tal-validità tal-Ftehim, il-Kummissjoni u istituzzjonijiet oħra tal-Komunità, kif ukoll awtoritajiet tal-gvern ċentrali fis-sens tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi ([1]), għandhom, mingħajr preġudizzju għal-liġi Komunitarja u għal-liġijiet nazzjonali, u għall-kriterji ekonomiċi, jispeċifikaw rekwiżiti ta' effiċjenza enerġetika mhux inqas eżiġenti mill-Ispeċifikazzjonijiet Komuni ta' l-Energy Star għal kuntratti ta' provvista pubblika ta' valur ugwali għal, jew li jeċċedi, il-limiti massimi stipulati fl-Artikolu 7 ta' dik id-Direttiva.

*Artikolu 7*

**Skemi volontarji oħra ta' tikkettar dwar l-effiċjenza enerġetika**

1. Skemi volontarji oħrajn eżistenti u ġodda ta' tikkettar dwar l-effiċjenza enerġetika għall-prodotti tat-tagħmir ta' l-uffiċċju fl-Istati Membri jistgħu jeżistu flimkien mal-programm Energy Star.

2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni sabiex jiżguraw il-koordinazzjoni meħtieġa bejn il-programm Energy Star u skemi nazzjonali ta' ttikkettar u skemi oħra ta' tikkettar fil-Komunità jew fl-Istati Membri.

*Artikolu 8*

**Bord ta' l-Energy Star tal-Komunità Ewropea**

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Bord ta' l-Energy Star tal-Komunità Ewropea (ECESB) li jkun magħmul minn rappreżentanti nazzjonali kif msemmi fl-Artikolu 9 u minn rappreżentanti ta' partijiet interessati. L-ECESB għandu jirrivedi l-implimentazzjoni tal-programm Energy Star fi ħdan il-Komunità u għandu jipprovdi lill-Kummissjoni konsulenza u assistenza, kif meħtieġ, biex jippermettilha twettaq il-funzjoni tagħha bħala Entità Amministrattiva, kif jingħad fl-Artikolu IV tal-Ftehim.

([1]) ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni (KE) Nru 1422/2007 (ĠU L 317, 5.12.2007, p. 34).

2. Il-Kummissjoni għandha tassigura li, safejn possibbli fit-tmexxija ta' l-attivitajiet tagħha, il-ECESB josserva, fir-rigward ta' kull grupp ta' prodotti ta' tagħmir għall-uffiċċju, parteċipazzjoni bilanċjata tal-partijiet rilevanti interessati kollha li huma kkonċernati minn dak il-grupp ta' prodotti bħal manifatturi, bejjiegħa bl-imnut, importaturi, gruppi ta' protezzjoni ta' l-ambjent u organizzazzjonijiet tal-konsumatur.

3. Il-Kummissjoni, assistita mill-ECESB, għandha timmonitorja d-dħul fis-suq ta' prodotti li jkollhom il-Logo Komuni u l-iżvilupp ta' l-effiċjenza enerġetika ta' tagħmir ta' l-uffiċċji bil-għan li ssir reviżjoni f'waqtha ta' l-Ispeċifikazzjonijiet Komuni.

4. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-proċedura tar-regoli tal-ECESB, filwaqt li tqis il-fehmiet tar-rappreżentanti nazzjonali fl-ECESB.

*Artikolu 9*

**Ir-rappreżentanti nazzjonali**

Kull Stat Membru għandu jinnomina, skond il-każ, esperti nazzjonali għall-politika ta' l-enerġija, awtoritajiet jew persuni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "rappreżentanti nazzjonali") responsabbli għat-twettiq tal-kompiti previsti f'dan ir-Regolament. Fejn iktar minn rappreżentant wieħed nazzjonali ikun nominat, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-poteri rispettivi ta' dawk ir-rappreżentati u r-rekwiżiti koordinati applikabbli għalihom.

*Artikolu 10*

**Pjan ta' xogħol**

Konformement ma' l-għan stabbilit fl-Artikolu 1, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi pjan ta' xogħol. Il-pjan ta' xogħol għandu jinkludi strateġija għall-iżvilupp ta' programm Energy Star, li għandu jistabbilixxi għat-tliet snin sussegwenti:

(a) l-objettivi għat-titjib ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija, tenut kont tal-ħtieġa li jkun segwit standard għoli ta' protezzjoni għall-konsumatur u għall-ambjent u tal-penetrazzjoni fis-suq li l-programm Energy Star għandu jfittex li jikseb fil-livell Komunitarju;

(b) lista mhux eżawrjenti ta' prodotti ta' tagħmir ta' l-uffiċċju li għandhom ikunu kkunsidrati bħala prijoritajiet għall-inklużjoni fil-programm Energy Star;

(ċ) inizjattivi edukattivi u promozzjonali;

(d) proposti għall-koordinazzjoni u l-koperazzjoni bejn il-programm Energy Star u skemi volontarji oħra ta' tikkettar dwar l-effiċjenza enerġetika fl-Istati Membri.

Il-Kummissjoni għandha tirrivedi l-pjan ta' xogħol tagħha mhux inqas minn darba fis-sena u għandha tagħmlu disponibbli għall-pubbliku.

*Artikolu 11*

**Proċeduri preparatorji għar-reviżjoni ta' kriterji tekniċi**

1. Sabiex issir il-preparazzjoni għar-reviżjoni ta' l-Ispeċifikazzjonijiet Komuni u tal-gruppi tal-prodotti tat-tagħmir ta' l-uffiċċju koperti mill-Anness C mal-Ftehim, u qabel jiġi preżentat abbozz ta' proposta jew tingħata risposta lill-USEPA skond il-proċeduri stabbiliti fil-Ftehim u fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1005/KE tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-Komunità Ewropea dwar il-koordinazzjoni ta' programmi ta' l-ittikkettar ta' l-użu effiċjenti ta' l-enerġija għat-tagħmir ta' l-uffiċċji ([1]), għandhom jittieħdu l-passi stipulati fil-paragrafi 2 sa 5.

2. Il-Kummissjoni tista' titlob lill-ECESB biex iħejji proposta għal reviżjoni tal-Ftehim jew ta' l-Ispeċifikazzjonjiet Komuni għal prodott. Il-Kummissjoni tista' tressaq proposta quddiem l-ECESB għar-reviżjoni ta' l-Ispeċifikazzjonijiet Komuni għal prodott jew tal-Ftehim. L-ECESB jista' wkoll iressaq proposta lill-Kummissjoni fuq inizjattiva tiegħu stess.

3. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-ECESB kull meta tirċievi proposta għal reviżjoni tal-Ftehim mill-USEPA.

4. Meta l-membri ta' l-ECESB jagħtu l-opinjonijiet tagħhom lill-Kummissjoni, huma għandhom iqisu r-riżultati l-istudji ta' fattibbiltà u tas-suq, u t-teknoloġija disponibbli għat-tnaqqis tal-konsum ta' l-enerġija.

5. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra partikolarment l-għan li tistabbilixxi Speċifikazzjonijiet Komuni f'livell ambizzjuż, kif previst fl-Artikolu I, paragrafu 3, tal-Ftehim, bl-għan li jitnaqqas il-konsum ta' l-enerġija u għandha tqis kif dovut it-teknoloġija disponibbli u l-ispejjeż relatati. B'mod partikolari, qabel ma tagħti l-opinjonijiet tagħha dwar l-Ispeċifikazzjonijiet Komuni, l-ECESB għandu jqis l-aħħar riżultati ta' l-istudji ta' l-ekodisinn.

*Artikolu 12*

**Is-sorveljanza tas-suq u l-kontroll ta' l-abbuż**

1. Il-Logo Komuni għandu jintuża biss b'konnessjoni mal-prodotti koperti mill-Ftehim u konformement mal-linji gwida għall-utenti tal-Logo Komuni, li jinsabu fl-Anness B mal-Ftehim.

2. Kull pubbliċità falza jew qarrieqa, jew kull użu ta' kull tikketta jew logo li jwassal għal konfużjoni mal-Logo Komuni, għandu jkun projbit.

([1]) ĠU L 381, 28.12.2006, p. 24.

3. Il-Kummissjoni għandha tassigura l-użu korrett tal-Logo Komuni billi tieħu jew tikkoordina azzjoni kif deskritta fl-Artikolu IX, paragrafi 2, 3 u 4, tal-Ftehim. L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni adegwata biex jiżguraw konformità mad-disposizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament fit-territorju tagħhom stess u għandhom jinformaw lill-Kummissjoni. L-Istati Membri jistgħu jirriferu l-prova ta’ nuqqas ta’ konformità minn parteċipanti tal-programm lill-Kummissjoni għal azzjoni inizjali.

*Artikolu 13*

**Rapport**

Sena qabel l-iskadenza tal-Ftehim, il-Kummissjoni għandha tipproduċi u tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport li jimmonitorja l-effiċjenza enerġetika tas-suq tat-tagħmir ta’ l-uffiċċju fil-Komunità u li jevalwa l-effikaċjà tal-programm Energy Star. Ir-rapport għandu jinkludi data kwalitattiva u kif ukoll kwantitattiva u wkoll data dwar il-benefiċċji miksuba mill-programm Energy Star, jiġifieri l-iffrankar ta’ l-enerġija u l-benefiċċji ambjentali f'termini ta’ tnaqqis fl-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju.

*Artikolu 14*

**Reviżjoni**

Qabel il-Partijiet għall-Ftehim jiddiskutu t-tiġdid tiegħu skond l-Artikolu XIV, paragrafu 2, tiegħu, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-programm Energy Star fid-dawl ta’ l-esperjenza miksuba matul l-operazzjoni tiegħu.

*Artikolu 15*

**Tħassir**

Ir-Regolament (KE) Nru 2422/2001 huwa b’dan imħassar.

Ir-referenzi magħmula għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehmu bħala magħmula għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella tal-korrelazzjoni fl-Anness.

*Artikolu 16*

**Dispożizzjonijiet finali**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, 15 ta’ Jannar 2008.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| --- | --- |
| *Il-President* | *Il-President* |
| H. G. PÖTTERING | J. LENARČIČ |

*ANNESS*

| Ir-Regolament (KE) Nru 2422/2001 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 1 | Artikolu 1 |
| Artikolu 1, l-aħħar sentenza | — |
| Artikolu 2 | Artikolu 2 |
| Artikolu 3 | Artikolu 3 |
| Artikolu 4(1) | Artikolu 4(1) |
| Artikolu 4(2) | Artikolu 4(2) |
| — | Artikolu 4(3) |
| Artikolu 4(3) | Artikolu 4(4) |
| Artikolu 4(4) | Artikolu 4(5) |
| Artikolu 5 | Artikolu 5 |
| Artikolu 6(1) | — |
| Artikolu 6(2) | — |
| Artikolu 6(3) | Artikolu 6 |
| Artikolu 7 | Artikolu 7 |
| Artikolu 8(1) | Artikolu 8(1) |
| Artikolu 8(2) | — |
| Artikolu 8(3) | Artikolu 8(2) |
| — | Artikolu 8(3) |
| Artikolu 8(4) | Artikolu 8(4) |
| Artikolu 8(5) | — |
| Artikolu 9 | Artikolu 9 |
| Artikolu 10, l-ewwel paragrafu, parti ta' introduzzjoni | Artikolu 10, l-ewwel paragrafu, parti ta' introduzzjoni |
| Artikolu 10, l-ewwel paragrafu, l-ewwel inċiż | Artikolu 10, l-ewwel paragrafu, il-punt (a) |
| Artikolu 10, l-ewwel paragrafu, it-tieni inċiż | Artikolu 10, l-ewwel paragrafu, il-punt (b) |
| Artikolu 10, l-ewwel paragrafu, it-tielet inċiż | — |
| — | Artikolu 10, l-ewwel paragrafu, il-punt (c) |
| Artikolu 10, l-ewwel paragrafu, ir-raba' inċiż | Artikolu 10, l-ewwel paragrafu, il-punt (d) |
| Artikolu 10, it-tieni paragrafu, l-ewwel sentenza | Artikolu 10, it-tieni paragrafu |
| Artikolu 11, l-ewwel paragrafu | Artikolu 11(1) |
| Artikolu 11, il-punt 1 | Artikolu 11(2) |
| Artikolu 11, il-punt 2 | Artikolu 11(3) |
| Artikolu 11, il-punt 3, l-ewwel sentenza | Artikolu 11(4) |
| Artikolu 11, il-punt 3, it-tieni sentenza | Artikolu 11(5), l-ewwel sentenza |
| — | Artikolu 11(5), l-aħħar sentenza |

| Ir-Regolament (KE) Nru 2422/2001 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 12 | Artikolu 12 |
| Artikolu 13 | — |
| — | Artikolu 13 |
| Artikolu 14, l-ewwel paragrafu | Artikolu 14 |
| Artikolu 14, it-tieni paragrafu | — |
| — | Artikolu 15 |
| Artikolu 15 | Artikolu 16 |
| Annex | — |

# REGOLAMENT (KE) Nru 107/2008 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-15 ta’ Jannar 2008

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1924/2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel fir-rigward tas-setgħat ta’ implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA’ L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat [2],

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1924/2006 [3] jipprovdi li l-proċedura regolatorja stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta’ Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta’ l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni [4] għandha tiġi applikata għall-adozzjoni ta’ miżuri ta’ implimentazzjoni li jirrigwardaw dan ir-Regolament.

(2) Id-Deċiżjoni 1999/468/KE ġiet emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE, li daħħlet il-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-adozzjoni ta’ miżuri ta’ kamp ta’ applikazzjoni ġenerali u mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta’ strument bażiku adottat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat, *inter alia* billi jitħassru xi wħud minn dawn l-elementi jew billi jiġi ssupplimentat l-istrument b’elementi mhux essenzjali ġodda.

(3) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tadotta miżuri Komunitarji rigward it-tikkettar, il-preżentazzjoni u r-reklamar ta’ ċertu ikel; biex tistabbilixxi derogi minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006; biex tistabbilixxi u taġġorna l-profili nutrittivi u l-kundizzjonijiet u l-eżenzjonijiet li taħthom jistgħu jintużaw; biex tistabbilixxi u/jew temenda listi ta’ indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa; u biex temenda l-lista ta’ l-ikel li għalihom l-użu ta’ indikazzjonijiet hija ristretta jew projbita. Peress li dawk il-miżuri għandhom kamp ta’ applikazzjoni ġenerali u huma mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta’ dak ir-Regolament *inter alia* billi jissupplimentawh b’elementi mhux essenzjali ġodda, dawn għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

(4) Meta japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data, l-awtorizzazzjoni ristretta għall-użu minn operatur individwali m’għandhiex iżżomm applikanti oħra milli japplikaw għall-awtorizzazzjoni ta’ l-użu ta’ l-istess indikazzjoni.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 għandu għaldaqstant jiġi emendat skond dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu għandu jiġi mibdul b’dan li ġej:

“Fil-każ ta’ prodotti ta’ l-ikel mhux ippakkjat minn qabel (inklużi prodotti friski bħall-frott, ħxejjex jew ħobż) li jitqiegħed għall-bejgħ lill-konsumatur aħħari jew‘ lill-caterers tal-massa’ kif ukoll prodotti ta’ l-ikel ippakkjati fil-punt tal-bejgħ fuq talba tax-xerrej, jew ippakkjat minn qabel bil-ħsieb li se jinbiegħ immedjatament, l-Artikolu 7 u l-Artikolu 10(2)(a) u (b) m’għandhomx japplikaw. Jistgħu japplikaw dispożizzjonijiet nazzjonali sakemm, eventwalment, jiġu adottati miżuri Komunitarji mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta’ dan ir-Regolament, *inter alia* billi jiġi supplimentat, skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 25(3).”;

(b) Il-paragrafu 4 għandu jiġi mibdul b’dan li ġej:

“4. Għal deskrizzjonijiet ġeneriċi (denominazzjonijiet) li tradizzjonalment kienu jintużaw biex jindikaw kwalità partikolari ta’ kategorija ta’ ikel jew xorb li jistgħu jimplikaw effett fuq is-saħħa tal-bniedem, deroga mill-paragrafu 3, imfassla biex temenda elementi mhux essenzjali ta’ dan ir-Regolament billi tissupplimentah, tista’ tiġi adottata skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 25(3), meta japplikaw għaliha l-operaturi tan-negozju ta’ l-ikel konċernati. Din l-applikazzjoni għandha tintbagħat lill-awtorità nazzjonali kompetenti ta’ Stat Membru li jgħaddiha lill-Kummissjoni mingħajr dewmien. Il-Kummissjoni għandha tadotta u tagħmel pubbliċi r-regoli għall-operaturi tan-negozju ta’ l-ikel skond liema dawn l-applikazzjonijiet jistgħu jsiru, sabiex ikun żgurat li l-applikazzjoni tkun ikkunsidrata b’mod trasparenti u fi żmien raġjonevoli.”;

[1] ĠU C 325, 30.12.2006, p. 37.
[2] Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta’ Ġunju 2007 (għadha mhux pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2007.
[3] ĠU L 404, 30.12.2006, p. 9. Korrett bil-ĠU L 12, 18.1.2007, p. 3.
[4] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

2. fl-Artikolu 3, it-tieni subparagrafu, il-punt (d) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(d) jiddikjara, jissuġġerixxi jew jimplika li dieta bilanċjata u varjata ma tistax tipprovdi kwantitajiet xierqa ta' nutrijenti in ġenerali. Derogi fil-każ ta' nutrijenti li ma jistgħux ikunu pprovduti fi kwantitajiet suffiċjenti b'dieta bilanċjata u varjata, inklużi l-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni tagħhom, u mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissupplimentah, jistgħu ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 25(3), b'kont meħud tal-kondizzjonijiet speċjali fl-Istati Membri;";

3. L-Artikolu 4 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) paragrafu 1 għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, sad-19 ta' Jannar 2009, profili nutrittivi speċifiċi, inklużi l-eżenzjonijiet, li l-ikel jew ċerti kategoriji ta' ikel għandhom jikkonformaw magħhom biex iġibu indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa u l-kundizzjonijiet għall-użu ta' indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa għal ikel jew kategoriji ta' ikel fir-rigward tal-profili nutrittivi. Tali miżuri mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissupplimemtawh għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 25(3).";

(ii) is-sitt subparagrafu għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"Il-profili nutrittivi u l-kondizzjonijiet għall-użu tagħhom, imfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissupplimemtawh, għandhom ikunu aġġornati sabiex iqisu l-iżviluppi xjentifiċi rilevanti skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 25(3) u wara li jkunu kkonsultati l-partijiet interessati, b'mod partikulari operaturi tan-negozju ta' l-ikel u gruppi ta' konsumaturi.";

(b) Il-paragrafu 5 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"5. Miżuri li jistabbilixxu l-ikel jew kategoriji ta' ikel għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 3, li għalihom l-indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa għandhom ikunu ristretti jew ipprojbiti, u li huma mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 25(3) fid-dawl ta' l-evidenza xjentifika.";

4. L-Artikolu 8(2) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"2. Emendi għall-Anness għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 25(3) u, fejn ikun xieraq, wara li l-Awtorità tkun ġiet ikkonsultata. Fejn ikun xieraq, il-Kummissjoni għandha tinvolvi l-partijiet interessati, b'mod partikulari l-operaturi tan-negozju ta' l-ikel u l-gruppi tal-konsumaturi, sabiex jevalwaw il-perċezzjoni u l-konoxxenza ta' l-indikazzjonijiet in kwistjoni.";

5. L-Artikolu 13 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 3 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"3. Wara li tikkonsulta lill-Awtorità, il-Kummissjoni għandha tadotta, skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 25(3), lista Komunitarja, imfassla biex temenda elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi tissupplimentah, ta' indikazzjonijiet permessi kif imsemmi fil-paragrafu 1, u l-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-użu ta' dawn l-indikazzjonijiet sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2010.";

(b) il-paragrafu 4 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"4. Kull tibdil fil-lista msemmija fil-paragrafu 3, ibbażat fuq evidenza xjentifika aċċettata b'mod ġenerali u mfassal biex jemenda elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandu jiġi adottat skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 25(3), wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità, fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni stess jew wara talba minn Stat Membru.";

6. L-Artikolu 17(3) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"3. Deċiżjoni finali dwar l-applikazzjoni, imfassla biex temenda elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi tissupplimentah, għandha tkun adottata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 25(3).

Madankollu, fejn fuq talba ta' l-applikant għall-protezzjoni tad-data ta' propjetà, il-Kummissjoni tipproponi li tillimita l-użu tat-talba favur l-applikant:

(a) għandha tittieħed deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni tat-talba skond il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 25(2). F'każ bħal dan, l-awtorizzazzjoni, jekk tingħata, għandha tiskadi wara ħames snin;

(b) qabel ma jiskadi l-perjodu ta' ħames snin, jekk l-indikazzjoni għadha tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta abbozz ta' miżuri, imfassla biex temenda elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi tissupplimentah, għall-awtorizzazzjoni ta' l-indikazzjoni mingħajr restrizzjoni għall-użu, li dwaru għandha tittieħed deċiżjoni skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-artikolu 25(3).";

7. Fl-Artikolu 18(4), it-tieni subparagrafu għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"5. Meta l-Awtorità toħroġ opinjoni li ma tappoġġjax l-inklużjoni ta' l-indikazzjoni fil-lista msemmija fil-paragrafu 4, id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni, imfassla biex temenda elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi tissupplimentah, għandha tittieħed skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 25(3).

Madankollu, fejn fuq talba ta' l-applikant għall-protezzjoni tad-data, il-Kummissjoni tipproponi li tillimita l-użu ta' l-istqarrija favur l-applikant:

(a) għandha tittieħed deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni ta' l-indikazzjoni bi qbil mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 25(2). F'każ bħal dan, l-awtorizzazzjoni, jekk tingħata, għandha tiskadi wara ħames snin;

(b) qabel ma jiskadi l-perjodu ta' ħames snin, jekk it-talba tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta abbozz ta' miżuri, imfassla biex temenda elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi tissupplimentah, għall-awtorizzazzjoni ta' l-indikazzjoni mingħajr restrizzjoni għall-użu, li dwaru għandha tittieħed deċiżjoni skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 25(3).";

8. Fl-Artikolu 20(2), it-tieni subparagrafu, il-punti 2 u 3 għandhom jiġu mibdula b'dan li ġej:

"2. il-fatt li l-Kummissjoni awtorizzat l-indikazzjoni dwar is-saħħa abbażi ta' data koperta mid-dritt dwar il-proprjetà industrijali u użu ristrett;

3. fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 17(3), it-tieni subparagrafu, u l-Artikolu 18(5), it-tieni subparagrafu, il-fatt li l-indikazzjoni dwar is-saħħa hija awtorizzata għal-żmien limitat.";

9. L-Artikolu 25 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 25*

**Il-proċedura tal-Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, wara li jkunu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.";

10. L-Artikolu 28 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 4, il-punt (b) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(b) il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 25(3), tadotta deċiżjoni dwar l-użu ta' tali indikazzjonijiet u mfassla biex temenda elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament.";

(b) fil-paragrafu 6(a), il-punt (ii) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(ii) wara li tikkonsulta lill-Awtorità, il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 25(3), tadotta deċiżjoni dwar l-indikazzjonijiet dwar is-saħħa awtorizzati b'dan il-mod u mfassla biex temenda elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi tissupplimentah.";

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, 15 ta' Jannar 2008.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| H.-G. PÖTTERING | J. LENARČIČ |

# REGOLAMENT (KE) NRU 108/2008 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-15 ta' Jannar 2008

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1925/2006 dwar iż-żieda ta' vitamini u minerali u ta' ċerti sustanzi oħra ma' l-ikel

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) jipprovdi li l-proċedura regolatorja stabbilita mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([4]) għandha tiġi applikata għall-adozzjoni tal-miżuri implimentattivi li jikkonċernaw dak ir-Regolament.

(2) Id-Deċiżjoni 1999/468/KE ġiet emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE, li introduċiet il-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-adozzjoni ta' miżuri li għandhom kamp ta' applikazzjoni ġenerali u li huma mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' strument bażiku adottat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat *inter alia* bit-tħassir ta' wħud minn dawn l-elementi jew billi tissupplimenta b'elementi mhux essenzjali ġodda.

(3) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tadotta modifiki għall-Annessi I u II tar-Regolament (KE) Nru 1925/2006; biex tistabbilixxi ikel addizjonali li miegħu ma jistgħux jiġu miżjuda vitamini jew minerali partikulari; biex tieħu deċiżjonijiet sabiex tiġi stabbilita u/jew emendata l-listi ta' sustanzi oħra awtorizzati, ipprojbiti jew limitati; biex tiddefinixxi l-kundizzjonijiet għall-użu ta' vitamini u minerali, bħall-kriterji ta' purezza, l-ammonti massimi, l-ammonti minimi u restrizzjonijiet jew projbizzjonijiet oħra fuq iż-żieda ta' vitamini u minerali fl-ikel; u biex tistabbilixxi derogi minn ċerti dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament. Billi dawn huma miżuri li għandhom kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dak ir-Regolament, *inter alia* billi jissupplimentawh b'elementi mhux essenzjali ġodda, dawk il-miżuri għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju stabbilita fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

(4) Meta, minħabba raġunijiet imperattivi ta' urġenza, ma tkunx possibbli konformità mal-limiti ta' żmien għall-proċedura regolatorja bi skrutinju, il-Kummissjoni għandha tkun tista' tuża l-proċedura ta' urġenza prevista fl-Artikolu 5a(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE biex jitneħħew ċerti vitamini jew minerali elenkati fl-Annessi u biex jiġu inklużi u emendati ċerti sustanzi oħra fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1925/2006.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 1925/2006 għandu għaldaqstant jiġi emendat skond dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1925/2006 huwa b' dan emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 3(3) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"3. Il-modifiki għal-listi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14(3), filwaqt li titqies l-opinjoni ta' l-Awtorità.

Minħabba raġunijiet imperattivi ta' urġenza, il-Kummissjoni tista' tuża l-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 14(4) biex jitneħħew vitamina jew mineral mil-listi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Qabel tagħmel dawn il-modifiki, il-Kummissjoni għandha twettaq konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati, b'mod partikulari ma' l-operaturi tan-negozju ta' l-ikel u mal-gruppi tal-konsumaturi.";

2. fl-Artikolu 4, it-tieni subparagrafu għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"Miżuri li jistabbilixxu l-ikel jew kategoriji ta' ikel addizzjonali li fihom ma jistgħux jiżdiedu vitamini u minerali partikulari u li huma mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14(3) fid-dawl ta' evidenza xjentifika u waqt li jitqies il-valur nutrittiv tagħhom.";

([1]) ĠU C 325, 30.12.2006, p. 40.

([2]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ġunju 2007 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2007. Għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tas-17 ta' Diċembru 2007.

([3]) ĠU L 404, 30.12.2006, p. 26.

([4]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

3. L-Artikolu 5(1) għandu jiġi mibdul b’dan li ġej:

“1. Il-miżuri li jiddeterminaw il-kriterji tal-purezza għall-formulazzjonijiet tal-vitamini u għas-sustanzi minerali elenkati fl-Anness II u mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta’ dan ir-Regolament billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14(3), bl-eċċezzjoni ta’ meta japplikaw skond il-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu.”;

(4) L-Artikolu 6 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) paragrafu 1 huwa mibdul b’dan li ġej:

“1. Meta vitamina jew mineral jiżdiedu fl-ikel, l-ammont totali tal-vitamina jew tal-mineral preżenti, għal kwalunkwe skop, fl-ikel kif mibjugħ m’għandux ikun aktar mill-ammonti massimi. Miżuri li jistabbilixxu dak l-ammont u mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta’ dan ir-Regolament billi jissuplimentawh għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14(3). Il-Kummissjoni tista’, għal dan il-għan, tressaq abbozz ta’ miżuri għall-ammonti massimi sad-19 ta’ Jannar 2009. Għal prodotti konċentrati u diżidratati, l-ammonti massimi stabbiliti għandhom ikunu dawk preżenti fl-ikel kif ikun imħejji għall-konsum skond l-istruzzjonijiet tal-manifattur.”;

(b) paragrafu 2 għandu jiġi mibdul b’dan li ġej:

“2. Kwalunkwe kundizzjoni li tillimita jew tipprojbixxi ż-żieda ta’ vitamina jew mineral speċifiċi f’xi ikel jew kategorija ta’ ikel u mfassla biex temenda l-elementi mhux essenzjali ta’ dan ir-Regolament *inter alia* billi tissupplimentah, għandha tiġi adottata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14(3).”;

(ċ) paragrafu 6 għandu jiġi mibdul b’dan li ġej:

“6. Iż-żieda ta’ vitamina jew mineral f’xi ikel għandha tirriżulta fil-preżenza ta’ dik il-vitamina jew mineral f’dak l-ikel b’mill-inqas ammont sinifikanti fejn dan ikun definit skond l-Anness tad-Direttiva 90/496/KEE. Il-miżuri li jistabbilixxu l-ammonti minimi, inklużi kull ammont aktar baxx, b’deroga mill-ammonti sinifikanti msemmija hawn fuq, għal ikel jew kategoriji ta’ ikel u mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta’ dan ir-Regolament billi jissuplimentawh għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14(3) ta’ dan ir-Regolament.”;

5. L-Artikolu 7(1) għandu jiġi mibdul b’dan li ġej:

“1. L-ittikkettar, il-preżentazzjoni u r-reklamar ta’ ikel li fih ikunu ġew miżjuda vitamini u minerali m’għandu jkollhom l-ebda aċċenn li jsemmi jew jimplika li dieta bbilanċjata u varjata ma tistax tipprovdi kwantitajiet xierqa ta’ nutrijenti. Fejn ikun xieraq, tista’ tiġi adottata deroga dwar xi nutrijent speċifikuu mfassla biex temenda l-elementi mhux essenzjali ta’ dan ir-Regolament billi tissupplimentah, skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14(3).”;

6. L-Artikolu 8 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) paragrafu 2 għandu jiġi mibdul b’dan li ġej:

“2. Bl-inizjattiva tagħha stess jew fuq il-bażi ta’ informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri, il-Kummissjoni tista’ tieħu deċiżjoni, imfassla biex temenda l-elementi mhux essenzjali ta’ dan ir-Regolament, wara li f’kull każ issir evalwazzjoni ta’ l-informazzjoni disponibbli mill-Awtorità u skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14(3), biex tinkludi, jekk ikun meħtieġ, is-sustanza jew l-ingredjent fl-Anness III. B’mod partikulari:

(a) jekk ikun ġie identifikat xi effett ta’ ħsara għas-saħħa, is-sustanza u/jew l-ingredjent li jkun fih is-sustanza għandhom:

(i) jitpoġġew fl-Anness III, Parti A, u ż-żieda tagħhom fl-ikel jew l-użu tagħhom fil-manifattura ta’ l-ikel għandhom ikunu pprojbiti; jew

(ii) jitpoġġew fl-Anness III, Parti B, u ż-żieda tagħhom fl-ikel jew l-użu tagħhom fil-manifattura ta’ l-ikel għandhom jitħallew biss bil-kundizzjonijiet speċifikati f’dak ir-rigward;

(b) jekk tkun ġiet identifikata l-possibilità ta’ xi effett ta’ ħsara għas-saħħa imma tibqa’ l-inċertezza xjentifika, is-sustanza għandha titpoġġa fl-Anness III, Parti C.

Minħabba raġunijiet imperattivi ta’ urġenza, il-Kummissjoni tista’ tuża l-proċedura ta’ urġenza msemmija fl-Artikolu 14(4) sabiex is-sustanza jew l-ingredjent jiġu inklużi fl-Anness III, Parti A jew B.”;

(b) paragrafu 5 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"5. Fi żmien erba' snin mid-data li fiha xi sustanza tkun ġiet elenkata fl-Anness III, Parti C, għandha tittieħed deċiżjoni mfassla biex temenda l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14(3) u wara li titqies l-opinjoni ta' l-Awtorità fuq kull fajl li jitressaq għall-evalwazzjoni kif imsemmi fil-Paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, biex jitħalla li jsir użu ġenerali ta' sustanza elenkata fl-Anness III, Parti C, jew biex tiġi elenkata fl-Anness III, Parti A jew B, kif xieraq.

Minħabba raġunijiet imperattivi ta' urġenza, il-Kummissjoni tista' tuża l-proċedura ta' l-urġenza msemmija fl-Artikolu 14(4) sabiex is-sustanza jew l-ingredjent jiġu inklużi fl-Anness III, Parti A jew B.";

7. L-Artikolu 14 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

*"Artikolu 14*

**Il-proċedura tal-Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat Permanenti fuq il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali stabbilit bl-Artikolu 58(1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kunsiderazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a (1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a (1), (2) u (6) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, 15 ta' Jannar 2008.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| H. G. PÖTTERING | J. LENARČIČ |

# REGOLAMENT (KE) Nru 109/2008 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-15 ta' Jannar 2008

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1924/2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 ([3]) jistabbilixxi regoli dwar l-użu ta' dawn l-allegazzjonijiet fl-ittikkettjar, fil-preżentazzjoni u fir-reklamar ta' l-ikel.

(2) Indikazzjonijiet dwar is-saħħa huma pprojbiti sakemm dawn ma jikkonformawx mar-rekwiżiti ġenerali u speċifiċi stipulati bir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 u sakemm ma jkunux inklużi fil-listi Komunitarji ta' indikazzjonijiet dwar is-saħħa awtorizzati. Dawn il-listi ta' indikazzjonijiet dwar is-saħħa għadhom iridu jiġu stabbiliti wara l-proċeduri mniżżla f'dak ir-Regolament. B'konsegwenza ta' dan, dawn il-listi mhumiex se jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2007, id-data ta' l-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament.

(3) Għal din ir-raġuni, ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 jipprevedi miżuri tranżitorji għal indikazzjonijiet dwar is-saħħa għajr għal dawk li jirreferu għat-tnaqqis ta' riskju ta' mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal.

(4) Fir-rigward ta' indikazzjonijiet dwar is-saħħa li jirreferu għat-tnaqqis ta' riskju ta' mard, ma huma meħtieġa l-ebda miżuri tranżitorji. Minħabba l-projbizzjoni ta' indikazzjonijiet li jirreferu għall-prevenzjoni, it-trattament u l-kura ta' marda bid-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 2000 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-tikkettar, il-preżentazzjoni u r-riklamar ta' l-oġġetti ta' l-ikel ([4]), u l-introduzzjoni ta' kategorija ġdida ta' allegazzjonijiet li jirreferu għat-tnaqqis ta' riskju ta' mard bir-Regolament (KE) Nru 1924/2006, prodotti li jkun fihom tali allegazzjonijiet ma kellhomx ikunu fis-suq Komunitarju.

(5) Il-kategorija ta' indikazzjonijiet li jirreferu għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal kienet introdotta fi stadju tard ħafna tal-proċedura għall-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, mingħajr ma pprevediet miżuri tranżitorji. Madankollu, prodotti li għandhom tali indikazzjonijiet huma diġà preżenti fis-suq Komunitarju.

(6) Sabiex jiġi evitat tfixkil fis-suq, huwa għalhekk xieraq li l-istess miżuri tranżitorji li jgħoddu għall-indikazzjonijiet ta' saħħa oħrajn ikunu jgħoddu wkoll għall-indikazzjonijiet li jirreferu għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal.

(7) Ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 14, il-paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Minkejja l-Artikolu 2(1)(b) tad-Direttiva 2000/13/KE, l-indikazzjonijiet li ġejjin jistgħu jsiru fejn ġew awtorizzati b'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikoli 15, 16, 17 u 19 ta' dan ir-Regolament għall-inklużjoni f'lista Komunitarja ta' tali allegazzjonijiet permessi flimkien mal-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-użu ta' dawn l-indikazzjonijiet:

(a) tnaqqis fl-indikazzjonijiet ta' riskju ta' mard,

(b) indikazzjonijiet li jirreferu għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal.";

([1]) Opinjoni tas-26 ta' Settembru 2007 (għadha mhux pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2007 (għadha mhux pubblikata fil-ĠU) u Deċiżjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Jannar 2008.

([3]) ĠU L 404, 30.12.2006, p. 9. Verżjoni kkoreġuta bil-ĠU L 12, 18.1.2007, p. 3.

([4]) ĠU L 109, 6.5.2000. p. 29. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/68/KE (ĠU L 310, 28.11.2007, p. 11).

(2) Fl-Artikolu 28(6), is-sentenza tal-bidu għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Indikazzjonijiet dwar is-saħħa minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 13(1)(a) u fl-Artikolu 14(1)(a), li ntużaw b'konformità mad-dispożizzjonijiet nazzjonali qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu soġġetti għal dan li ġej:";

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, 15 ta' Jannar 2008.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| H. G. PÖTTERING | J. LENARČIČ |

# REGOLAMENT (KE) Nru 110/2008 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-15 ta' Jannar 2008

## dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, ta' xorb spiritwż u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat [2],

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89 tad-29 ta' Mejju 1989 li jistabbilixxi r-regoli ġenerali dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni u l-preżentazzjoni ta' xorb spiritwż [3] u r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1014/90 ta' l-24 ta' April 1990 li jistabbilixxi regoli dettaljati sabiex jiġu implimentati r-regoli dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni u l-preżentazzjoni tax-xorb spiritwż [4] irnexxielhom jirregolaw is-settur tax-xorb spiritwż. Madankollu, fid-dawl ta' l-esperjenzi reċenti jeħtieġ li jiġu ċċarati r-regoli applikabbli għad-definizzjoni, għad-deskrizzjoni, għall-preżentazzjoni u ttikkettar, kif ukoll għall-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi, ta' ċertu xorb spiritwż filwaqt li jiġu kkunsidrati l-metodi ta' produzzjoni tradizzjonali. Ir-Regolament (KEE) Nru 1576/89 għandu għalhekk jiġi mħassar u sostitwit.

(2) Is-settur tax-xorb spiritwż huwa importanti għall-konsumaturi, għall-produtturi u għas-settur agrikolu fil-Komunità. Il-miżuri applikabbli għas-settur tax-xorb spiritwż għandhom jikkontribwixxu sabiex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, u jikkontribwixxu lejn il-prevenzjoni ta' prattika qarrieqa u l-kisba ta' trasparenza fis-suq u ta' kompetizzjoni ġusta. Permezz ta' dan huwa mistenni li l-miżuri jissalvagwardjaw ir-reputazzjoni li x-xorb spiritwż Komunitarju kiseb fi ħdanha u fis-suq dinji billi jibqa' jittieħed kont tal-metodi tradizzjonali użati fil-produzzjoni tax-xorb spiritwż kif ukoll taż-żieda fit-talba għall-protezzjoni tal-konsumatur u għall-informazzjoni. L-innovazzjoni teknoloġika għandha tiġi kkunsidrata wkoll fil-kategoriji fejn tali innovazzjoni sservi sabiex tittejjeb il-kwalità, mingħajr ma taffettwa l-karattru tradizzjonali tax-xarba spiritwża konċernata.

(3) Il-produzzjoni tax-xorb spiritwż tikkostitwixxi żbokk ewlieni għall-prodotti agrikoli tal-Komunità. Din ir-rabta qawwija mas-settur agrikolu għandha tkun enfasizzata mill-qafas regolatorju.

(4) Sabiex jiġi żgurat approċċ aktar sistematiku fil-Leġiżlazzjoni li tirregola x-xorb spiritwż, dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi b'mod ċar kriterji definiti għall-produzzjoni, deskrizzjoni, preżentazzjoni u tikkettar ta' xorb spiritwż kif ukoll għall-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi.

(5) Fl-interess tal-konsumaturi, dan ir-Regolament għandu japplika għax-xarbiet spiritwżi kollha mqiegħda fis-suq fil-Komunità, kemm jekk ġew prodotti fil-Komunità kif ukoll jekk ġew prodotti f'pajjiżi terzi. Bil-ħsieb ta' l-esportazzjoni ta' xorb spiritwż ta' kwalità għolja u sabiex tinżamm u tittejjeb ir-reputazzjoni tax-xorb spiritwż Komunitarju fis-suq dinji, dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għal tali xorb prodott fil-Komunità għall-esportazzjoni. Dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għall-użu ta' alkoħol etiliku u/jew distillati ta' oriġini agrikola fil-produzzjoni ta' xarbiet alkoħoliċi u għall-użu ta' l-ismijiet ta' xorb spiritwż fil-preżentazzjoni u l-ittikkettar ta' oġġetti ta' l-ikel. F'każijiet eċċezzjonali fejn hekk titlob il-liġi ta' pajjiż importatur terz, dan ir-Regolament għandu jippermetti li tingħata deroga mid-dispożizzjonijiet ta' l-Annessi I u II ta' dan ir-Regolament skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju.

(6) Ġeneralment, dan ir-Regolament għandu jkompli jikkonċentra fuq id-definizzjonijiet ta' xorb spiritwż li jeħtieġu jiġu klassifikati f'kategoriji. Dawk id-definizzjonijiet għandhom ikomplu jirrispettaw il-prattika ta' kwalità tradizzjonali iżda għandhom jiġu kompletati jew aġġornati meta d-definizzjonijiet preċedenti ikunu defiċjenti jew insuffiċjenti jew fejn it-tali definizzjonijiet jistgħu jittejbu fid-dawl ta' żviluppi teknoloġiċi.

(7) Sabiex jittieħed kont ta' l-aspettattivi tal-konsumatur dwar il-materja prima użata għall-vodka b'mod partikolari fl-Istati Membri li tradizzjonalment jipproduċu l-vodka, għandha ssir dispożizzjoni sabiex tiġi pprovduta informazzjoni adegwata dwar il-materja prima użata fejn il-vodka ssir minn materja prima ta' oriġini agrikola minbarra ċ-ċereali u/jew il-patata.

(1) ĠU C 324, 30.12.2006, p. 12.
(2) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Ġunju 2007 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2007.
(3) ĠU L 160, 12.6.1989, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mill-Att ta' Adeżjoni ta' l-2005.
(4) ĠU L 105, 25.4.1990, p. 9. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2140/98 (ĠU L 270, 7.10.1998, p. 9).

(8) Addizzjonalment, l-alkoħol etiliku użat fil-produzzjoni ta' xorb spirituż u ta' xarbiet alkoħoliċi oħrajn għandu jkun esklussivament ta' oriġini agrikola, sabiex jissodisfa l-aspettattivi tal-konsumatur u jkun konformi mal-metodi tradizzjonali. Dan għandu jiżgura wkoll il-kummerċ ta' prodotti agrikoli bażiċi.

(9) Meta wieħed iqis l-importanza u l-kumplessità tas-settur tax-xorb spirituż, jixraq li jiġu stabbiliti miżuri speċifiċi dwar id-deskrizzjoni u l-preżentazzjoni tax-xorb spirituż li jmorru lil hinn mir-regoli orizzontali stabbiliti fid-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 2000 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati ma' l-ittikkettar, il-preżentazzjoni u r-reklamar ta' l-oġġetti ta' l-ikel ([1]). Dawk il-miżuri speċifiċi għandhom jipprevjenu wkoll l-użu improprju tat-terminu "xarba spirituża" u ta' l-ismijiet tax-xorb spirituż għal prodotti li ma jissodisfawx id-definizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament.

(10) Filwaqt li huwa importanti li jiġi żgurat li ġeneralment il-perijodu jew l-età ta' maturazzjoni jispeċifikaw biss il-komponent alkoħoliku l-inqas matur, dan ir-Regolament għandu jippermetti deroga sabiex jittieħed kont ta' proċessi ta' invekkjament tradizzjonali regolati mill-Istati Membri.

(11) Skond it-Trattat, fl-applikazzjoni ta' politika ta' kwalità, u sabiex ikunu aġevolati livell għoli fil-kwalità tax-xorb spirituż u d-diversità fis-settur, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jadottaw regoli aktar stretti minn dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament jew oħrajn miżjuda magħhom dwar il-produzzjoni, deskrizzjoni, preżentazzjoni u tikkettar ta' xorb spirituż prodott fit-territorju tagħhhom stess.

(12) Id-Direttiva tal-Kunsill 88/388/KEE tat-22 ta' Ġunju 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-taħwir għall-użu fl-oġġetti ta' l-ikel u mal-materjali mis-sors għall-produzzjoni tagħhom ([2]) tapplika għax-xorb spirituż. Huwa meħtieġ biss għalhekk li f'dan ir-Regolament jiġu stabbiliti regoli li mhumiex previsti diġà f'dik id-Direttiva.

(13) Huwa importanti li tingħata attenzjoni xierqa lid-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar Aspetti Relatati mal-Kummerċ tad-Drittijiet ta' Proprjetà Intellettwali (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim TRIPs"), u b'mod partikolari lill-Artikoli 22 u 23 tiegħu, u lid-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ, li jifforma parti integrali tal-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ approvati bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE ([3]).

(14) Ladarba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 ta' l-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi u ta' denominazzjonijiet ta' l-oriġini għal prodotti agrikoli u oġġetti ta' l-ikel ([4]) ma japplikax għax-xorb spirituż, ir-regoli għall-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi tax-xorb spirituż għandhom jiġu stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-indikazzjonijiet ġeografiċi għandhom jiġu reġistrati, billi x-xorb spirituż jiġi identifikat bħala oriġinarju ta' territorju ta' pajjiż, jew ta' reġjun jew lokalità f'dak it-territorju, fejn xi kwalità, reputazzjoni jew karatteristika partikolari oħra tax-xarba spirituża tkun essenzjalment attribwibbli għall-oriġini ġeografika tagħha.

(15) F'dan ir-Regolament għandha tiġi stabbilita proċedura non-diskriminatorja għar-reġistrazzjoni, għall-konformità, għall-modifika u għat-tħassir eventwalment possibbli ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' pajjiżi terzi u ta' l-UE skond il-Ftehim TRIPs, filwaqt li jiġi rikonoxxut l-istatus partikolari ta' indikazzjonijiet ġeografiċi stabbiliti.

(16) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni ([5]).

(17) B'mod partikolari għandha tingħata s-setgħa lill-Kummissjoni sabiex: tikkonċedi derogi minn ċerti partijiet ta' dan ir-Regolament fejn hekk ikun meħtieġ mil-liġi ta' pajjiż importatur; timponi livell massimu ta' dolċifikazzjoni għall-irqim tat-togħma; tikkonċedi deroga mir-regoli li jiggvernaw l-indikazzjoni tal-perijodu jew età ta' maturazzjoni; tadotta deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni, dwar il-kanċellament u dwar l-eliminazzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, kif ukoll dwar il-modifika tal-fajl tekniku; temenda l-lista ta' definizzjonijiet u rekwiżiti tekniċi, id-definizzjonijiet ta' xorb spirituż klassifikat f'kategoriji, u l-lista ta' indikazzjonijiet ġeografiċi reġistrati; u tidderoga mill-proċedura li tiggverna r-reġistrazzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u l-modifika tal-fajl tekniku. Ladarba dawk il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma maħsuba sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, *inter alia* bl-eliminazzjoni ta' x'uħud minn dawk l-elementi jew billi jissupplimentaw dan ir-Regolament biż-żieda ta' elementi ġodda mhux essenzjali, huma għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bl-iskrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

(18) It-transizzjoni minn regoli previsti fir-Regolament (KEE) Nru 1576/89 għal dawk f'dan ir-Regolament tista' tirriżulta f'diffikultajiet li mhumiex trattati f'dan ir-Regolament. Il-miżuri meħtieġa għal din it-transizzjoni, kif ukoll il-miżuri meħtieġa sabiex jissolvew problemi prattiċi speċifiċi għas-settur tax-xorb spirituż, għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni 1999/468/KE.

---

([1]) ĠU L 109, 6.5.2000, p. 29. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/68/KE (ĠU L 310, 28.11.2007, p. 11).

([2]) ĠU L 184, 15.7.1988, p. 61. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

([3]) ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1.

([4]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

([5]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

(19) Għall-finijiet tal-faċilitazzjoni tat-tranżizzjoni mir-regoli previsti fir-Regolament (KEE) Nru 1576/89, il-produzzjoni ta' xorb spirituż taħt dak ir-Regolament għandu jkun permess matul l-ewwel sena ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Il-kummerċjalizzazzjoni ta' l-istokk eżistenti għandha tkun prevista wkoll sakemm dan jispiċċa,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

**KAMP TA' APPLIKAZZJONI, DEFINIZZJONI U KATEGORIJI TA' XORB SPIRITUŻ**

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorb spirituż.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika għax-xorb spirituż kollu imqiegħed fis-suq fil-Komunità kemm jekk prodott fil-Komunità kif ukoll jekk prodott f'pajjiżi terzi, u kif ukoll għal dak prodott fil-Komunità għall-esportazzjoni. Dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għall-użu ta' alkoħol etiliku u/jew distillati ta' oriġini agrikola fil-produzzjoni ta' xarbiet alkoħoliċi u għall-użu ta' l-ismijiet ta' xorb spirituż fil-preżentazzjoni u l-ittikkettar ta' oġġetti ta' l-ikel.

3. F'każijiet eċċezzjonali fejn il-liġi tal-pajjiż importatur terz teħtieġ hekk, tista' tingħata deroga mid-dispożizzjonijiet ta' l-Annessi I u II skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju stabbilita fl-Artikolu 25(3).

*Artikolu 2*

**Definizzjoni ta' xarba spirituża**

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "xarba spirituża" tfisser xarba alkolholika:

(a) maħsuba għall-konsum mill-bniedem;

(b) li jkollha kwalitajiet organolettiċi partikolari;

(ċ) li jkollha qawwa alkoħolika minima ta' 15 % vol.;

(d) li ġiet manifatturata:

(i) direttament:

— permezz tad-distillazzjoni, biż-żieda ta', jew mingħajr, sustanzi tat-taħwir, ta' prodotti fermentati b'mod naturali, u/jew

— bil-maċerazzjoni jew proċessar simili ta' materjali minn pjanti fl-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola u/jew distillati ta' oriġini agrikola, u/jew xorb spirituż fis-sens ta' dan ir-Regolament, u/jew

— permezz ta' żieda ta' sustanzi tat-taħwir, zokkrijiet jew prodotti dolċifikanti oħrajn elenkati fil-punt 3 ta' l-Anness I u/jew prodotti agrikoli oħra u/jew oġġetti ta' l-ikel ma' alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola u/jew ma' distillati ta' oriġini agrikola u/jew ma' xorb spirituż, fis-sens ta' dan ir-Regolament,

(ii) jew permezz tat-taħlit ta' xarba spirituża ma' waħda jew aktar minn:

— xorb spirituż ieħor, u/jew

— alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola jew distillati ta' oriġini agrikola, u/jew

— xarbiet alkoħoliċi oħrajn, u/jew

— xarbiet.

2. Madankollu, ix-xarbiet li jaqgħu taħt il-kodiċi CN 2203, 2204, 2205, 2206 u 2207 m'għandhomx jitqiesu bħala xorb spirituż.

3. Il-qawwa alkolholika minima prevista fil-paragrafu 1(ċ) għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-definizzjoni tal-prodott fil-kategorija 41 fl-Anness II.

4. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet u r-rekwiżiti tekniċi huma dawk stabbiliti fl-Anness I.

*Artikolu 3*

**Oriġini ta' l-alkoħol etiliku**

1. L-alkoħol etiliku użat fil-produzzjoni tax-xorb spirituż u l-komponenti kollha tiegħu m'għandom ikunu ta' ebda oriġini għajr dik agrikola, fis-sens ta' l-Anness I mat-Trattat.

2. L-alkoħol etiliku użat fil-produzzjoni ta' xorb spirituż għandu jkun konformi mad-definizzjoni prevista fl-Anness I (1) ta' dan ir-Regolament.

3. L-alkoħol etiliku użat sabiex jiddilwixxi jew iħoll il-koloranti, is-sustanzi tat-taħwir jew kwalunkwe addittiv awtorizzat ieħor użat fil-preparazzjoni ta' xorb spirituż għandu jkun alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola.

4. Ix-xarbiet alkoħoliċi m'għandhomx ikollhom fihom alkoħol ta' oriġini sintetika, u lanqas alkoħol ieħor ta' oriġini mhux agrikola fis-sens ta' l-Anness I mat-Trattat.

*Artikolu 4*

**Kategoriji ta' xorb spiritu**ż****

Ix-xorb spirituż għandu jkun klassifikat f'kategoriji skond id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II.

*Artikolu 5*

**Regoli ġenerali dwar il-kategoriji ta' xorb spirituż**

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli speċifiċi stabbiliti għal kull waħda mill-kategoriji nnumerati 1 sa 14 fl-Anness II, ix-xarbiet spiritużi definiti hemmhekk għandhom:

(a) jiġu prodotti permezz tal-fermentazzjoni alkoħolika u d-distillazzjoni miksuba esklussivament mill-materja prima prevista fid-definizzjoni rilevanti tax-xorb spirituż konċernat;

(b) ma jkollhomx żieda ta' alkoħol kif definit fl-Anness I(5), dilwit jew le;

(ċ) ma jkunx fihom sustanzi tat-taħwir miżjudin;

(d) ikun fihom karamella miżjuda biss bħala mezz sabiex jiġi adattat il-kulur;

(e) ikunu dolċifikati biss sabiex tiġi mirquma t-togħma finali tal-prodott, skond l-Anness I(3). Il-livell massimu għall-prodotti ta' dolċifikazzjoni għall-irqim tat-togħma elenkati fl-Anness I(3)(a) sa (f) għandu jiġi deċiż skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 25(3). Għandu jittieħed kont tal-Leġiżlazzjoni partikolari ta' l-Istati Membri.

2. Mingħajr preġudizzju għar-regoli speċifiċi stabbiliti għal kull waħda mill-kategoriji enumerati 15 sa 46 fl-Anness II, ix-xarbiet spiritużi definiti hemmhekk jistgħu:

(a) jinkisbu minn kwalunkwe materja prima agrikola elenkata fl-Anness I mat-Trattat;

(b) jkollhom żieda ta' alkoħol kif definit fl-Anness I(5) ta' dan ir-Regolament;

(ċ) jkollhom fihom sustanzi u preparati tat-taħwir naturali jew identiċi għal dawk naturali kif definiti fl-Artikolu 1(2)(b)(i) u (ii) u fl-Artikolu 1(2)(ċ) tad-Direttiva 88/388/KEE;

(d) jkollhom fihom kolorant kif definit fl-Anness I(10) ta' dan ir-Regolament;

(e) jkunu dolċifikati sabiex jikkorrispondu għall-karatteristiċi partikolari ta' prodott u skond l-Anness I(3) ta' dan ir-Regolament u b'kont meħud tal-Leġiżlazzjoni partikolari ta' l-Istati Membri.

3. Mingħajr preġudizzju għar-regoli speċifiċi stabbiliti fl-Anness II, xorb spirituż ieħor li ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-kategorji 1 sa 46 jista':

(a) jinkiseb minn kwalunkwe materja prima agrikola elenkata fl-Anness I mat-Trattat u/jew oġġett ta' l-ikel adattat għall-konsum mill-bniedem;

(b) jkollu żieda ta' alkoħol kif definit fl-Anness I(5) ta' dan ir-Regolament;

(ċ) jkollu fih wieħed jew aktar mis-sustanzi tat-taħwir kif definit fl-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva 88/388/KEE;

(d) jkollu fih kolorant kif definit fl-Anness I(10) ta' dan ir-Regolament;

(e) ikun dolċifikat sabiex jikkorrispondi għall-karatteristiċi partikolari ta' prodott u skond l-Anness I(3) ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 6*

**Leġiżlazzjoni ta' l-Istati Membri**

1. Fl-applikazzjoni ta' politika ta' kwalità għax-xorb spirituż li jiġi prodott fit-territorju tagħhom stess u b'mod partikolari għall-indikazzjonijiet ġeografiċi reġistrati fl-Anness III jew għall-istabbiliment ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ġodda, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli aktar stretti minn dawk fl-Anness II dwar il-produzzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, u l-ittikkettar safejn dawn ikunu kompatibbli mal-liġi Komunitarja.

2. L-Istati Membri m'għandhomx jipprojbixxu jew jirrestrinġu l-importazzjoni, il-bejgħ jew il-konsum ta' xorb spirituż li jikkonforma ma' dan ir-Regolament.

KAPITOLU II

**DESKRIZZJONI, PREŻENTAZZJONI U TIKKETTAR TA' XORB SPIRITUŻ**

*Artikolu 7*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, it-termini "deskrizzjoni", "preżentazzjoni" u "tikkettar" huma definiti fl-Anness I (14), (15) u (16).

*Artikolu 8*

**Denominazzjoni tal-bejgħ**

Skond l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/13/KE, l-isem li bih tinbiegħ xarba spirituża ("id-denominazzjoni tal-bejgħ") għandu jkun suġġett għad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

*Artikolu 9*

**Regoli speċifiċi dwar id-denominazzjonijiet tal-bejgħ**

1. Xorb spirituż li jissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet għall-prodotti definiti fil-kategoriji 1 sa 46 ta' l-Anness II għandu jkollhom fid-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u l-ittikkettar tagħhom id-denominazzjoni tal-bejgħ assenjata hemmhekk.

2. Ix-xarbiet spiritużi li jissodisfaw id-definizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2 iżda li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti għall-inklużjoni fil-kategoriji 1 sa 46 ta' l-Anness II għandhom ikollhom fid-deskrizzjoni, fil-preżentazzjoni u fit-tikketti tagħhom id-denominazzjoni tal-bejgħ "xorb spirituż". Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, dik id-denominazzjoni tal-bejgħ m'għandhiex tiġi sostitwita jew modifikata.

3. Fejn xarba spiritwża tissodisfa d-definizzjoni ta' aktar minn kategorija waħda ta' xorb spirituż fl-Anness II, din tista' tinbiegħ taħt wieħed jew aktar mill-ismijiet elenkati għal dawk il-kategoriji fl-Anness II.

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 9 ta' dan l-Artikolu u għall-Artikolu 10(1), l-ismijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu m'għandhomx jintużaw sabiex jiddeskrivu jew jippreżentaw bi kwalunkwe mod xi xarba oħra għajr ix-xarbiet spiritużi li għalihom dawk l-ismijiet huma elenkati fl-Anness II u reġistrati fl-Anness III.

5. Id-denominazzjonijiet tal-bejgħ jistgħu jiġu supplimentati jew sostitwiti b'indikazzjoni ġeografika reġistrata fl-Anness III u skond il-Kapitolu III, jew supplimentati skond dispożizzjonijiet nazzjonali minn indikazzjoni ġeografika oħra sakemm dan ma jingannax lill-konsumatur.

6. L-indikazzjonijiet ġeografiċi reġistrati fl-Anness III jistgħu jiġu supplimentati biss

(a) b'termini li diġà kienu fl-użu fl-20 ta' Frar 2008 għal indikazzjonijiet ġeografiċi stabbiliti fis-sens ta' l-Artikolu 20, jew

(b) skond il-fajl tekniku rilevanti previst taħt l-Artikolu 17(1).

7. Xarba spiritwża li ma tissodisfax waħda mid-definizzjonijiet elenkati fil-kategoriji 1 sa 46 ta' l-Anness II m'għandhiex tiġi deskritta, preżentata jew tikkettata billi jiġu assoċjati kliem jew frażijiet bħal "bħal", "tip", "stil", "magħmul", "togħma" jew kwalunkwe terminu simili ieħor ma' kwalunkwe waħda mid-denominazzjonijiet tal-bejgħ previsti f'dan ir-Regolament u/jew mill-indikazzjonijiet ġeografiċi reġistrati fl-Anness III.

8. L-ebda trade mark, isem jew isem maħluq apposta ma jista' jissostitwixxi d-denominazzjoni tal-bejgħ ta' xarba spiritwża.

9. L-ismijiet imsemmija fil-kategoriji 1 sa 46 ta' l-Anness II jistgħu jkunu inklużi f'lista ta' ingredjenti għal oġġetti ta' l-ikel sakemm il-lista tkun skond id-Direttiva 2000/13/KE.

*Artikolu 10*

**Regoli speċifiċi dwar l-użu ta' denominazzjonijiet tal-bejgħ u indikazzjonijiet ġeografiċi**

1. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2000/13/KE, l-użu ta' terminu elenkat fil-kategoriji 1 sa 46 ta' l-Anness II, jew ta' indikazzjoni ġeografika reġistrata fl-Anness III f'terminu kompost jew l-allużjoni fil-preżentazzjoni ta' oġġett ta' l-ikel għal kwalunkwe wieħed jew waħda minnhom għandhom ikunu projbiti sakemm l-alkoħol ma jkunx joriġina mix-xorb spirituż li ssir referenza għalih.

2. L-użu ta' terminu kompost kif imsemmi fil-paragrafu 1 għandu wkoll ikun projbit meta xorb spirituż ikun ġie dilwit sabiex il-qawwa alkoħolika tkun anqas mill-qawwa minima speċifikata fid-definizzjoni għal dak ix-xorb spirituż.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament m'għandhomx jaffettwaw l-użu possibbli tat-termini "amer" jew "bitter" għal prodotti li mhumiex koperti b'dan ir-Regolament.

4. B'deroga mill-paragrafu 1 u sabiex ikunu kkunsidrati l-metodi ta' produzzjoni stabbiliti, it-termini komposti elenkati fil-kategorija 32(d) ta' l-Anness II jistgħu jintużaw fil-preżentazzjoni ta' likuri prodotti fil-Komunità taħt il-kondizzjonijiet stipulati hemmhekk.

*Artikolu 11*

**Deskrizzjoni, preżentazzjoni u tikkettar ta' taħlitiet**

1. Fejn kien hemm żieda ta' alkoħol, kif definit fl-Anness I(5), dilwit jew le, f'xorb spirituż elenkat fil-kategoriji 1 sa 14 ta' l-Anness II, dak ix-xorb spirituż għandu jkollhu d-denominazzjoni tal-bejgħ "xorb spirituż". Dan m'għandux ikollu fi kwalunkwe forma isem riżervat fil-kategoriji 1 sa 14.

2. Fejn xorb spirituż elenkat fil-kategoriji 1 sa 46 ta' l-Anness II jiġi mħallat ma':

(a) xarba alkoħolika waħda jew aktar, u/jew

(b) distillat wieħed jew aktar ta' oriġini agrikola,

huwa għandu jkollu d-denominazzjoni tal-bejgħ "xorb spirituż". Din id-denominazzjoni tal-bejgħ għandha tkun murija b'mod ċar u viżibbli f'pożizzjoni prominenti fuq it-tikketta u m'għandhiex tiġi sostitwita jew modifikata.

3. Il-paragrafu 2 m'għandux japplika għad-deskrizzjoni, preżentazzjoni jew tikkettar ta' taħlita msemmija f'dak il-paragrafu jekk din tissodifa waħda mid-definizzjonijiet stabbiliti fil-kategoriji 1 sa 46 ta' l-Anness II.

4. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2000/13/KE, id-deskrizzjoni, preżentazzjoni jew tikkettar tax-xorb spirituż li jirriżulta mit-taħlitiet imsemmijin fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jistgħu juru wieħed jew aktar mit-termini elenkati fl-Anness II fil-każ biss jekk dak it-terminu ma jiffurmax parti mid-denominazzjoni tal-bejgħ iżda jkun biss elenkat fl-istess kamp viżiv fil-lista ta' l-ingredjenti alkoħoliċi kollha li jinsabu fit-taħlita, preċedut mit-terminu "xarba spiritu̇ża mħallta".

It-terminu "xarba spiritu̇ża mħallta" għandu jidher fuq it-tikketta b'tipi uniformi ta' l-istess font u lewn bħal dawk użati għad-denominazzjoni tal-bejgħ. It-tipi m'għandhomx ikunu akbar minn nofs id-daqs tat-tipi użati għad-denominazzjoni tal-bejgħ.

5. Għall-ittikkettar u l-preżentazzjoni tat-taħlitiet imsemmijin fil-paragrafu 2 u li għalihom japplika r-rekwiżit li jiġu elenkati l-ingredjenti alkoħoliċi skond il-paragrafu 4, il-proporzjon ta' kull ingredjent alkoħoliku għandu jkun espress bħala perċentwali f'ordni dixxendenti tal-kwantitajiet użati. Dak il-proporzjon għandu jkun ugwali għall-perċentwali bil-volum ta' alkoħol pur li huwa jirrappreżenta fil-kontenut ta' alkoħol pur totali bil-volum tat-taħlita.

*Artikolu 12*

**Regoli speċifiċi dwar id-deskrizzjoni, preżentazzjoni u tikkettar ta' xorb spirituż**

1. Fejn id-deskrizzjoni, preżentazzjoni jew tikkettar ta' xarba spiritu̇ża jindikaw il-materja prima wżata fil-produzzjoni ta' l-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola, kull alkoħol agrikolu użat għandu jissemma f'ordni dixxendenti tal-kwantitajiet użati.

2. Id-deskrizzjoni, preżentazzjoni jew tikkettar ta' xarba spiritu̇ża tista' tkun supplimentata bit-terminu "blend", "blending" jew "blended" fil-każ biss fejn ix-xarba spiritu̇ża tkun ġiet suġġetta għall-blending, kif definit fl-Anness I(7).

3. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe deroga adottata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju stabbilita fl-Artikolu 25(3), jista' jiġu speċifikati perijodu jew età ta' maturità biss fid-deskrizzjoni, fil-preżentazzjoni jew fit-tikketta ta' xarba spiritu̇ża fejn dawn jirriferu għall-komponent alkoħoliku l-inqas matur u sakemm ix-xarba spiritu̇ża ġiet invekkjata taħt is-superviżjoni tas-sisa jew superviżjoni li toffri garanziji ekwivalenti.

*Artikolu 13*

**Projbizzjoni ta' kapsuli jew fojl ibbażati fuq iċ-ċomb**

M'għandux jinżamm xorb spirituż bil-ħsieb li jinbiegħ jew li jitqiegħed fis-suq f'kontenituri b'apparati ta' għeluq miksijin b'kapsuli jew fojl ibbażati fuq iċ-ċomb.

*Artikolu 14*

**L-użu tal-lingwa fid-deskrizzjoni, fil-preżentazzjoni u fit-tikketti ta' xorb spirituż**

1. Id-dettalji previsti f'dan ir-Regolament għandhom jingħataw f'waħda jew aktar mil-lingwi uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea b'tali mod li l-konsumatur finali jkun jista' faċilment jifhem kull waħda minn dawk il-punti ta' informazzjoni, sakemm il-konsumatur ma jkunx fornut b'din l-informazzjoni permezz ta' mezzi oħrajn.

2. It-termini bil-korsiv fl-Anness II u l-indikazzjonijiet ġeografiċi reġistrati fl-Anness III m'għandhomx ikunu tradotti fuq it-tikketta u lanqas fil-preżentazzjoni tax-xarba spiritu̇ża.

3. Fil-każ ta' xorb spirituż li jkun ġej minn pajjiżi terzi, l-użu ta' lingwa uffiċjali tal-pajjiż terz li fih ġiet prodotta x-xarba spiritu̇ża għandu jkun awtorizzat jekk id-dettalji previsti f'dan ir-Regolament jingħataw ukoll f'lingwa uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea b'tali mod li l-konsumatur finali jkun jista' faċilment jifhem kull punt faċilment.

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, fil-każ ta' xorb spirituż prodott fil-Komunità u maħsub għall-esportazzjoni, id-dettalji previsti f'dan ir-Regolament jistgħu jkunu ripetuti f'lingwa diversa mil-lingwi uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

KAPITOLU III

**INDIKAZZJONIJIET ĠEOGRAFIĊI**

*Artikolu 15*

**Indikazzjonijiet ġeografiċi**

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, indikazzjoni ġeografika għandha tkun indikazzjoni li tidentifika xarba spiritu̇ża bħala oriġinarja ta' territorju ta' pajjiż, jew ta' reġjun jew lokalità f'dak it-territorju, fejn xi kwalità, reputazzjoni jew karatteristika partikolari oħra ta' dik ix-xarba spiritu̇ża tkun essenzjalment attribwibbli għall-oriġini ġeografika tagħha.

2. L-indikazzjonijiet ġeografiċi msemmijin fil-paragrafu 1 huma reġistrati fl-Anness III.

3. L-indikazzjonijiet ġeografiċi reġistrati fl-Anness III ma jistgħux isiru ġeneriċi.

L-ismijiet li saru ġeneriċi ma jistgħux jiġu reġistrati fl-Anness III.

Isem li sar ġeneriku ifisser l-isem ta' xarba spiritu̇ża li, minkejja li tkun relatata ma' post jew reġjun fejn dan il-prodott kien oriġinarjament fabbrikat jew imqiegħed fis-suq, sar l-isem komuni ta' xarba spiritu̇ża fil-Komunità.

4. Ix-xorb spirituż li għandu indikazzjoni ġeografika reġistrata fl-Anness III għandu jikkonforma ma' l-ispeċifikazzjonijiet kollha tal-fajl tekniku previst fl-Artikolu 17(1).

*Artikolu 16*

**Protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi**

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10, l-indikazzjonijiet ġeografiċi reġistrati fl-Anness III għandhom ikunu protetti kontra:

(a) kull użu kummerċjali dirett jew indirett fir-rigward ta' prodotti li m'humiex koperti bir-reġistrazzjoni sakemm dawk il-prodotti jkunu komparabbli max-xarba spiritwża reġistrata taħt dik l-indikazzjoni ġeografika jew sakemm ittali użu jisfrutta r-reputazzjoni ta' l-indikazzjoni ġeografika reġistrata;

(b) kull użu improprju, imitazzjoni jew evokazzjoni, anke jekk l-oriġini vera tal-prodott tkun indikata jew l-indikazzjoni ġeografika tkun użata f'forma tradotta jew tkun akkumpanjata minn espressjoni bħal "bħal", "tip", "stil", "magħmul", "togħma" jew kwalunkwe terminu simili ieħor;

(ċ) kwalunkwe indikazzjoni oħra falsa jew li tinganna dwar il-provenjenza, l-oriġini, in-natura jew il-kwalitajiet essenzjali fid-deskrizzjoni, fil-preżentazzjoni jew fit-tikketta tal-prodott, li tista' tagħti impressjoni falza dwar l-oriġini tiegħu;

(d) kwalunkwe prattika oħra li tista' tinganna lill-konsumatur dwar l-oriġini vera tal-prodott.

*Artikolu 17*

**Reġistrazzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi**

1. L-applikazzjonijiet sabiex indikazzjoni ġeografika tiġi reġistrata fl-Anness III għandhom jiġu sottomessi lill-Kummissjoni f'waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea jew ikunu akkumpanjati minn traduzzjoni f'waħda minn dawk il-lingwi. Tali applikazzjonijiet għandhom ikunu debitament sostanzjati u għandhom jinkludu fajl tekniku li jistipula l-ispeċifikazzjonijiet li trid tikkonforma magħhom ix-xarba spiritwża konċernata.

2. Fir-rigward ta' indikazzjonijiet ġeografiċi fi ħdan il-Komunità, l-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha ssir mill-Istat Membru ta' oriġini tax-xarba spiritwża.

3. Fir-rigward ta' indikazzjonijiet ġeografiċi f'pajjiż terz, l-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tintbagħat lill-Kummissjoni, direttament jew permezz ta' l-awtoritajiet tal-pajjiż terz konċernat, u għandha tinkludi l-prova li l-isem in kwistjoni hu protett fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu.

4. Il-fajl tekniku msemmi fil-paragrafu 1 għandu jinkludi għall-inqas l-ispeċifikazzjonijiet prinċipali li ġejjin:

(a) l-isem u l-kategorija tax-xarba spiritwża, inkluża l-indikazzjoni ġeografika;

(b) deskrizzjoni tax-xarba spiritwża li tinkludi l-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u/jew organolettiċi prinċipali tal-prodott kif ukoll il-karatteristiċi speċifiċi tax-xarba spiritwża meta imqabbla mal-kategorija rilevanti;

(ċ) id-definizzjoni taż-żona ġeografika konċernata;

(d) deskrizzjoni tal-metodu kif tinkiseb ix-xarba spiritwża u, jekk ikun il-każ, il-metodi awtentiċi u invarjabbli lokali;

(e) id-dettalji li juru r-rabta ma' l-ambjent ġeografiku jew l-oriġini ġeografika;

(f) kwalunkwe rekwiżit stabbilit mill-Komunità u/jew dispożizzjonijiet nazzjonali u/jew reġjonali;

(g) isem l-applikant u l-indirizz fejn jista' jiġi kkuntattjat;

(h) kwalunkwe suppliment għall-indikazzjoni ġeografika u/jew kwalunkwe regola speċifika ta' tikkettar, skond il-fajl tekniku rilevanti.

5. Il-Kummissjoni għandha tivverifika, fi żmien tnax-il xahar mid-data tal-preżentazzjoni ta' l-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, jekk dik l-applikazzjoni tkunx konformi ma' dan ir-Regolament.

6. Jekk il-Kummissjoni tikkonkludi li l-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tikkonforma ma' dan ir-Regolament, l-ispeċifikazzjonijiet prinċipali tal-fajl tekniku msemmi fil-paragrafu 4 għandhom jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, Serje C.

7. Fi żmien sitt xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tal-fajl tekniku, kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li għandha interess leġittimu tista' toġġezzjona għar-reġistrazzjoni ta' l-indikazzjoni ġeografika fl-Anness III għar-raġuni li l-kondizzjonijiet previsti f'dan ir-Regolament ma jkunux sodisfatti. L-oġġezzjoni, li għandha tkun debitament sostanzjata, għandha tintbagħat lill-Kummissjoni f'waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea jew ikollha magħha traduzzjoni f'waħda minn dawk il-lingwi.

8. Il-Kummissjoni għandha tieħu d-deċiżjoni dwar ir-reġistrazzjoni ta' l-indikazzjoni ġeografika fl-Anness III skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 25(3), b'kont meħud ta' kwalunkwe oġġezzjoni li tkun tressqet skond il-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu. Dik id-deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, Serje C.

*Artikolu 18*

**Kanċellament ta' indikazzjoni ġeografika**

Jekk il-konformità ma' l-ispeċifikazzjonijiet fil-fajl tekniku m'għadhiex żgurata, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni li tikkanċella r-reġistrazzjoni skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 25(3). Dik id-deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, Serje C.

*Artikolu 19*

**Indikazzjonijiet ġeografiċi omonimi**

Indikazzjoni ġeografika omonima li tissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għandha tiġi reġistrata b'kunsiderazzjoni xierqa ta' l-użu lokali u tradizzjonali u tar-riskju attwali ta' konfużjoni, b'mod partikolari:

— isem omonimu li jinganna lill-konsumatur billi jagħtih x'jifhem li l-prodotti jkunu ġejjin minn territorju ieħor m'għandux jiġi reġistrat anke jekk l-isem ikun preċiż f'dik li hija għażla ta' kliem dwar it-territorju, ir-reġjun jew il-post ta' l-oriġini attwali tax-xarba spirituża konċernata;

— l-użu ta' indikazzjoni ġeografika omonima reġistrata għandu jkun suġġett għal distinzjoni ċara fil-prattika bejn l-omonimu reġistrat sussegwentement u l-isem li diġà jinsab fir-reġistru, b'kunsiderazzjoni għar-rekwiżit li l-produtturi konċernati jiġu ttrattati b'mod ugwali u li l-konsumaturi ma jiġux ingannati.

*Artikolu 20*

**Indikazzjonijiet ġeografiċi stabbiliti**

1. Għal kull indikazzjoni ġeografika reġistrata fl-Anness III fl-20 ta' Frar 2008, l-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni fajl tekniku kif previst fl-Artikolu 17(1) mhux aktar tard mill-20 ta' Frar 2015.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dan il-fajl tekniku jkun aċċessibbli għall-pubbliku.

3. Meta ma jkun ġie sottomess l-ebda fajl tekniku lill-Kummissjoni sa l-20 ta' Frar 2015, il-Kummissjoni għandha telimina l-indikazzjoni ġeografika mill-Anness III skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 25(3).

*Artikolu 21*

**Modifika tal-fajl tekniku**

Il-proċedura prevista fl-Artikolu 17 għandha tapplika mutatis mutandis fejn il-fajl tekniku msemmi fl-Artikoli 17(1) u 20(1) jkollu jiġi modifikat.

*Artikolu 22*

**Verifika tal-konformità ma' l-ispeċifikazzjonijiet fil-fajl tekniku**

1. Fir-rigward ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi fil-Komunità, il-verifika tal-konformità ma' l-ispeċifikazzjonijiet fil-fajl tekniku, qabel it-tqegħid tal-prodott fis-suq, għandha tiġi żgurata minn:

— awtorità kompetenti waħda jew aktar imsemmija fl-Artikolu 24(1) u/jew

— korp ta' kontroll wieħed jew aktar fis-sens ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa sabiex tiġi żgurata l-verifika tal-konformità mal-liġi ta' l-għalf u l-ikel, mas-saħħa ta' l-annimali u mar-regoli dwar il-welfare ta' l-annimali ([1]) li jopera bħala korp għaċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti.

Minkejja l-Leġiżlazzjoni nazzjonali, l-ispejjeż ta' tali verifika tal-konformità ma' l-ispeċifikazzjonijiet fil-fajl tekniku għandhom jitħallsu mill-operaturi suġġetti għal dawk il-kontrolli.

2. Fir-rigward ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi f'pajjiż terz, il-verifika tal-konformità ma' l-ispeċifikazzjonijiet fil-fajl tekniku, qabel it-tqegħid tal-prodott fis-suq, għandha tiġi żgurata minn:

— awtorità pubblika waħda jew aktar maħtura mill-pajjiż terz u/jew

— korp ta' ċertifikazzjoni tal-prodotti wieħed jew aktar.

3. Il-korpi ta' ċertifikazzjoni tal-prodotti msemmijin fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jikkonformaw ma' l-istandard Ewropew EN 45011 jew l-ISO/IEC Guide 65 (Rekwiżiti ġenerali għall-korpi li jħaddmu sistemi ta' ċertifikazzjoni tal-prodotti), u mill-1 ta' Mejju 2010 għandhom ikunu akkreditati magħhom.

4. Meta, l-awtoritajiet jew korpi imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, ikunu għażlu li jivverifikaw il-konformità ma' l-ispeċifikazzjonijiet fil-fajl tekniku, huma għandhom joffru garanziji adegwati ta' objettività u imparzjalità, u jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom il-persunal kwalifikat u r-riżorsi meħtieġa sabiex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom.

*Artikolu 23*

**Relazzjoni bejn trade marks u indikazzjonijiet ġeografiċi**

1. Ir-reġistrazzjoni ta' trade mark li jkollha fiha jew tikkonsisti minn indikazzjoni ġeografika reġistrata fl-Anness III għandha tiġi miċħuda jew invalidata jekk l-użu tagħha jkun iwassal għal kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 16.

2. B'konsiderazzjoni dovuta għal-liġi Komunitarja, trade markli l-użu tagħha jikkorrispondi għal waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 16 li saret applikazzjoni għaliha, ġiet reġistrata, jew ġiet stabbilita bl-użu, jekk dik il-possibbiltà hi prevista mil-Leġiżlazzjoni konċernata, in bona fede fit-territorju tal-Komunità, kemm jekk qabel id-data tal-protezzjoni ta' l-indikazzjoni ġeografika fil-pajjiż ta' oriġini kif ukoll jekk qabel l-1 ta' Jannar 1996, tista' tibqa' tintuża minkejja r-reġistrazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika, sakemm ma tkun teżisti l-ebda raġuni għall-invalidità jew ir-revoka tagħha kif speċifikat mill-Ewwel

([1]) ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1, korrett bil-ĠU L 191, 28.5.2004, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006.

Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 sabiex jiġu approssimati l-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-trade marks ([1]) jew mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 ta' l-20 ta' Diċembru 1993 dwar it-trade mark Komunitarja ([2]).

3. Indikazzjoni ġeografika m'għandhiex tiġi reġistrata meta, fid-dawl tar-reputazzjoni u l-fama ta' trade mark u t-tul ta' żmien li għalih intużat fil-Komunità, ir-reġistrazzjoni x'aktarx li tinganna lill-konsumatur rigward l-identità vera tal-prodott.

KAPITOLU IV

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI, TRANŻIZZJONALI U FINALI

*Artikolu 24*

### Kontroll u protezzjoni tax-xorb spirituż

1. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli mill-kontroll tax-xorb spirituż. Huma għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw il-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u b'mod partikolari għandhom jinnominaw l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti responsabbli mill-kontrolli fir-rigward ta' l-obbligi stabbiliti minn dan ir-Regolament skond ir-Regolament (KE) Nru 882/2004.

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkomunikaw lil xulxin l-informazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

3. Il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni ma' l-Istati Membri, għandha tiżgura l-applikazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament u jekk ikun meħtieġ għandha tadotta miżuri skond il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 25(2).

*Artikolu 25*

### Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat għax-Xorb Spirituż.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jittieħed kont tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu msemmi fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun stabbilit għal tliet xhur.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

*Artikolu 26*

### Emendar ta' l-Annessi

L-Annessi għandhom jiġu emendati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 25(3).

*Artikolu 27*

### Miżuri implimentattivi

Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 25(2).

*Artikolu 28*

### Miżuri tranżizzjonali u oħrajn speċifiċi

1. Skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 25(3), għandhom jiġu adottati miżuri sabiex jiġi emendat dan ir-Regolament, fejn xieraq:

(a) sabiex tiġi ffaċilitata, sa l-20 ta' Frar 2011, it-transizzjoni mir-regoli previsti fir-Regolament (KEE) Nru 1576/89 għal dawk stabbiliti minn dan ir-Regolament;

(b) sabiex ikun hemm deroga mill-Artikoli 17 u 22 f'każijiet debitament ġustifikati;

(ċ) għall-istabbiliment ta' simbolu Komunitarju għal indikazzjonijiet ġeografiċi għas-settur tax-xorb spirituż.

2. Skond il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 25(2), għandhom jiġu adottati miżuri, fejn xieraq, sabiex jiġu riżolti problemi prattiċi speċifiċi, per eżempju billi jsir obbligatorju, f'ċerti każi, li jiġi ddikjarat il-post tal-manifattura fuq it-tikketta sabiex ikun evitat li l-konsumatur jiġi ingannat u sabiex jinżammu u jiġu żviluppati metodi Komunitarji ta' referenza għall-analiżi tax-xorb spirituż.

3. Ix-xorb spirituż li ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jista' jkompli jiġi prodott skond ir-Regolament (KEE) Nru 1576/89 sa l-20 ta' Mejju 2009. Ix-xorb spirituż li ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament iżda li ġie prodott skond ir-Regolament (KEE) Nru 1576/89 qabel l-20 ta' Frar 2008 jew sa l-20 ta' Mejju 2009 jista' jkompli jitqiegħed fis-suq sakemm jispiċċaw il-ħażniet.

([1]) ĠU L 40, 11.2.1989, p. 1. Id-Direttiva kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/10/KEE (ĠU L 6, 11.1.1992, p. 35).
([2]) ĠU L 11, 14.1.1994, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1891/2006 (ĠU L 386, 29.12.2006. p. 14).

*Artikolu 29*

**Tħassir**

1. Ir-Regolament (KEE) Nru 1576/89 huwa b'dan imħassar. Ir-referenzi magħmula għar-Regolament imħassar għandhom jiġu interpretati bħala magħmula għal dan ir-Regolament.

2. Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2009/92 ([1]), (KE) Nru 1267/94 ([2]) u (KE) Nru 2870/2000 ([3]) għandhom ikomplu japplikaw.

*Artikolu 30*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-20 ta' Mejju 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, 15 ta' Jannar 2008.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| H.-G. PÖTTERING | J. LENARČIČ |

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2009/92 ta' l-20 ta' Lulju 1992 li jiddetermina l-metodi ta' analiżi Komunitarji għal alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola użat fil-preparazzjoni ta' xorb spirituż, inbid aromatizzat, xorb ibbażat fuq inbid aromatizzat u cocktails bi prodotti ta' l-inbid aromatizzat (ĠU L 203, 21.7.1992, p. 10).

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1267/94 ta' l-1 ta' Ġunju 1994 li japplika l-ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' ċertu xorb spirituż (ĠU L 138, 2.6.1994, p. 7). Ir-Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1434/97 (ĠU L 196, 24.7.1997, p. 56).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2870/2000 tad-19 ta' Diċembru 2000 li jistabbilixxi l-metodi ta' referenza Komunitarji għall-analiżi ta' xorb spirituż (ĠU L 333, 29.12.2000, p. 20). Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 2091/2002 (ĠU L 322, 27.11.2002, p. 11).

*ANNESS I*

**DEFINIZZJONIJIET U REKWIŻITI TEKNIĊI**

Id-definizzjonijiet tekniċi u r-rekwiżiti, kif imsemmi fl-Artikolu 2(4) u fl-Artikolu 7, huma kif ġej:

(1) *Alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola*

L-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola għandu l-karatteristiċi li ġejjin:

(a) karatteristiċi organolettiċi: l-ebda togħma li tista' tiġi perċepita ħlief dik tal-materja prima;

(b) qawwa alkoħolika minima skond il-volum: 96,0 % vol.;

(ċ) livell massimu ta' residwi:

(i) aċidità totali, espressa fi grammi ta' aċidu aċetiku għal kull ettolitru ta' alkoħol ta' 100 % vol.: 1,5,

(ii) esteri espressi fi grammi ta' aċetat etiliku għal kull ettolitru ta' alkoħol ta' 100 % vol.: 1,3,

(iii) aldeidi espressi fi grammi ta' aċetaldeida għal kull ettolitru ta' alkoħol ta' 100 % vol.: 0,5,

(iv) alkoħols ogħla espressi fi grammi ta' metil2 propanol1 għal kull ettolitru ta' alkoħol ta' 100 % vol.: 0,5,

(v) metanol express fi grammi għal kull ettolitru ta' alkoħol ta' 100 % vol.: 30,

(vi) estratt niexef express fi grammi għal kull ettolitru ta' alkoħol ta' 100 % vol.: 1,5,

(vii) bażijiet volatili li fihom in-nitroġenu espressi fi grammi ta' nitroġenu għal kull ettolitru ta' alkoħol ta' 100 % vol.: 0,1,

(viii) furfural: l-ebda traċċa.

(2) *Distillat ta' oriġini agrikola*

Distillat ta' oriġini agrikola tfisser likwidu alkoħoliku li jinkiseb permezz tad-distillazzjoni, wara l-fermentazzjoni alkoħolika ta' prodott jew prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I għat-Trattat li m'għandux il-karatteristiċi ta' l-alkoħol etiliku jew ta' xarba spirituża iżda li xorta jibqa' jżomm l-aroma u t-togħma tal-materja prima użata.

Fejn issir referenza għall-materja prima użata, id-distillat għandu jinkiseb esklużivament minn dik il-materja prima.

(3) *Dolċifikazzjoni*

Dolċifikazzjoni tfisser li jintuża wieħed jew aktar minn dawn il-prodotti li ġejjin fil-preparazzjoni tax-xorb spirituż:

(a) zokkor semi-abjad, zokkor abjad, zokkor *extra* abjad, destrosju, fruttosju, ġulepp tal-glukosju, soluzzjoni taz-zokkor, soluzzjoni taz-zokkor invertit, ġulepp taz-zokkor invertit, kif definiti fid-Direttiva tal-Kunsill 2001/111/KE ta' l-20 ta' Diċembru 2001 dwar ċerti tipi ta' zokkor maħsuba għall-konsum mill-bniedem [1];

(b) għasir il-għeneb konċentrat qabel ma jeħmer imsoffi, għasir il-għeneb konċentrat qabel ma jeħmer, għasir il-għeneb frisk qabel ma jeħmer;

(ċ) zokkor maħruq, li huwa l-prodott miksub permezz tat-tisħin kontrollat tas-sukrosju bla bażijiet, aċidi minerali jew addittivi kimiċi oħrajn;

(1) ĠU L 10, 12.1.2002, p. 53.

(d) għasel kif definit fid-Direttiva tal-Kunsill 2001/110/KE ta' l-20 ta' Diċembru 2001 dwar l-għasel ([1]);

(e) ġulepp tal-ħarrub;

(f) kwalunkwe sustanzi karboidrati naturali oħrajn li għandhom effett simili għal dawn il-prodotti.

(4) *Taħlit*

Taħlit tfisser meta jiġu mħallta żewġ xarbiet differenti jew aktar sabiex issir xarba ġdida.

(5) *Żieda ta' alkoħol*

Żieda ta' alkoħol tfisser iż-żieda ta' alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola u/jew distillati ta' oriġini agrikola ma' xorb spiritu̇ż.

(6) *Żieda ta' l-ilma*

Fil-preparazzjoni ta' xorb spirituż, hija awtorizzata iż-żieda ta' l-ilma, sakemm il-kwalità ta' l-ilma tkun konformi mad-Direttiva tal-Kunsill 80/777/KEE tal-15 ta' Lulju 1980 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati ma' l-isfruttament u t-tqegħid fis-suq ta' ilmijiet minerali naturali ([2]) u d-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KEE tat-3 ta' Novembru 1998 dwar il-kwalità ta' l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem ([3]) u sakemm l-ilma miżjud ma jbiddilx in-natura tal-prodott.

Dan l-ilma jista' jkun distillat, dimineralizzat, ippermutat jew imħaffef.

(7) *Blending*

Blending tfisser il-kombinazzjoni ta' żewġ xarbiet spiritużi jew aktar ta' l-istess kategorija, distinti minn xulxin biss permezz ta' differenzi żgħar fil-kompożizzjoni minħabba wieħed jew aktar mill-fatturi li ġejjin:

(a) il-metodu ta' preparazzjoni;

(b) l-imqatar li jintużaw;

(ċ) il-perijodu tal-maturazzjoni jew invekkjament;

(d) iż-żona ġeografika tal-produzzjoni.

Ix-xarba spirituża prodotta b'dan il-mod għandha tkun ta' l-istess kategorija tax-xarba spirituża bħax-xarbiet spiritużi oriġinali qabel il-blending.

(8) *Maturazzjoni jew invekkjament*

Maturazzjoni jew invekkjament tfisser li jitħallew jiżviluppaw ċerti reazzjonijiet b'mod naturali f'kontenituri adatti, sabiex b'hekk ix-xarba spirituża konċernata tingħata kwalitajiet organolettiċi li qabel ma kellhiex.

(9) *Żieda ta' sustanzi tat-taħwir*

Tfisser li fil-preparazzjoni ta' xarba spirituża tintuża sustanza tat-taħwir waħda jew aktar definita fl-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva 88/388/KEE.

(10) *Kolorazzjoni*

Kolorazzjoni tfisser l-użu fil-preparazzjoni ta' xarba spirituża ta' kolorant wieħed jew aktar, kif definit fid-Direttiva 94/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 1994 dwar il-kuluri għall-użu fl-ikel ([4]).

([1]) ĠU L 10, 12.1.2002, p. 47.
([2]) ĠU L 229, 30.8.1980, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.
([3]) ĠU L 330, 5.12.1998, p. 32. Id-Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.
([4]) ĠU L 237, 10.9.1994, p. 13. Id-Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.

(11) *Qawwa alkoħolika skond il-volum*

Qawwa alkoħolika skond il-volum tfisser il-proporzjon tal-volum ta' alkoħol pur preżenti fil-prodott konċernat f'20° C għall-volum totali ta' dak il-prodott fl-istess temperatura.

(12) *Kontenut ta' sustanzi volatili*

Kontenut ta' sustanzi volatili tfisser il-kwantità ta' sustanzi volatili għajr l-alkoħol etiliku u l-metanol li fiha x-xarba spiritu̇ża miksuba esklużivament bid-distillazzjoni, b'riżultat biss tad-distillazzjoni jew tar-ridistillazzjoni tal-materja prima użata.

(13) *Post tal-manifattura*

Post tal-manifattura tfisser il-post jew ir-reġjun fejn ikun seħħ l-istadju fil-proċess tal-produzzjoni tal-prodott finali li jkun ta lix-xarba spiritu̇ża l-karattru u l-kwalitajiet definittivi essenzjali tagħha.

(14) *Deskrizzjoni*

Deskrizzjoni tfisser it-termini użati fuq l-ittikkettar, il-preżentazzjoni u l-ippakkjar, fuq id-dokumenti li jakkumpanjaw it-trasport ta' xarba; fuq id-dokumenti kummerċjali, partikolarment il-fatturi u n-noti tal-kunsinna; u fir-reklamar tagħha.

(15) *Preżentazzjoni*

Preżentazzjoni tfisser it-termini użati fuq l-ittikkettar u fuq l-ippakkjar, inkluż fir-reklamar u l-promozzjoni tal-bejgħ, fi stampi jew simili, kif ukoll fuq il-kontenitur, inkluż il-flixkun u l-għeluq.

(16) *Tikkettar*

Tikkettar tfisser id-deskrizzjonijiet u r-referenzi, is-sinjali, id-disinji, jew it-trade marks l-oħrajn kollha li jiddistingwu xarba u li jidhru fuq l-istess kontenitur, inkluż l-apparat tas-siġill tiegħu jew it-tikketta mwaħħla mal-kontenitur u l-inforra li tgħatti l-għonq tal-flixkun.

(17) *Ippakkjar*

Ippakkjar tfisser it-tgeżwir protettiv, bħal karti, inviloppi ta' kull tip, kartun u kaxex, użati fit-trasport u/jew il-bejgħ ta' kontenitur wieħed jew aktar.

*ANNESS II*

**XORB SPIRITUŻ**

*Kategoriji ta' xorb spiritu*ż

1. **Rum**

(a) Ir-rum huwa:

(i) xarba spiritu*ż*a prodotta permezz tal-fermentazzjoni alkoħolika u d-distillazzjoni, mill-melassa jew il-ġulepp prodott waqt il-manifattura taz-zokkor tal-kannamieli jew mill-meraq tal-kannamieli nnifsu u distillat f'anqas minn 96 % vol. sabiex id-distillat ikollu l-karatteristiċi organolettiċi speċifiċi li jistgħu jingħarfu tar-rum, jew

(ii) xarba spiritu*ż*a prodotta esklussivament b'fermentazzjoni alkoħolika u distillazzjoni tal-meraq tal-kannamieli li għandu l-karatteristiċi aromatiċi speċifiċi għar-rum u kontenut ta' sustanzi volatili daqs jew iżjed minn 225 gramma għal kull ettolitru ta' alkolħol ta' 100 % volum. Dan l-ispirtu jista' jitqiegħed fis-suq bil-kelma "agrikolu" sabiex tikkwalifika d-denominazzjoni tal-bejgħ "rum" akkumpanjata minn kwalunkwe waħda mill-indikazzjonijiet ġeografiċi tad-Dipartimenti Franċiżi barra l-Pajjiż u r-Reġjun Awtonomu ta' Madeira kif reġistrati fl-Anness III.

(b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum tar-rum għandha tkun ta' 37,5 %.

(ċ) M'għandha ssir l-ebda żieda ta' alkoħol kif definit fl-Anness I(5), dilwit jew le.

(d) Ir-rum m'għandux ikun miżjud b'sustanzi tat-taħwir.

(e) Ir-rum jista' jkollu miżjud fih karamella biss bħala mezz sabiex jiġi adattat il-kulur.

(f) Il-kelma "traditionnel" tista' tissupplimenta kwalunkwe mill-indikazzjonijiet ġeografiċi msemmijin fil-kategorija 1 ta' l-Anness III meta r-rum ikun prodott permezz ta' distillazzjoni ta' anqas minn 90 % vol., wara l-fermentazzjoni alkoħolika tal-materjali li jipproduċu l-alkoħol li joriġinaw esklużivament fil-post tal-produzzjoni kkunsidrat. Dan ir-rum għandu jkollu kontenut ta' sustanzi volatili li jlaħħaq jew jaqbeż il-225 gramma għal kull ettolitru ta' 100 % vol. ta' alkoħol u ma jridx ikun dolċifikat. L-użu tal-kelma *"traditionnel"* ma jimpedixxix l-użu tat-termini "mill-produzzjoni taz-zokkor" jew "agrikolu" li jistgħu jiżdiedu mad-denominazzjoni tal-bejgħ "rum" u ma' l-indikazzjonijiet ġeografiċi.

Din id-dispożizzjoni m'għandhiex taffettwa l-użu tal-kelma *"traditionnel"* għall-prodotti kollha li m'humiex koperti b'din id-dispożizzjoni, skond il-kriterji speċifiċi tagħhom.

2. ***Whisky* jew *Whiskey***

(a) Il-*whisky* jew *whiskey* huwa xarba spiritu*ż*a prodotta esklussivament permezz ta':

(i) distillazzjoni ta' maxx magħmul minn ċereali mmaltjati flimkien ma' żrieragħ integrali ta' ċereali oħra jew mingħajrhom li ġie

— mibdul f'zokkor permezz tad-dijastasi tal-malt ta' ġo fih, b'enzimi naturali oħrajn jew mingħajrhom,

— fermentat bl-azzjoni tal-ħmira,

(ii) distillazzjoni waħda jew aktar f'anqas minn 94,8 % vol., sabiex id-distillat ikollu l-aroma u t-togħma miġjuba mill-materja prima użata,

(iii) maturazzjoni tad-distillat finali għal ta' l-anqas tliet snin f'bittijat ta' l-injam li ma jesgħux aktar minn 700 litru.

Id-distillat finali, li miegħu jistgħu jiżdiedu biss l-ilma u l-karamella ordinarja (għall-kulur), iżomm il-kulur, l-aroma u t-togħma miġjuba mill-proċess ta' produzzjoni msemmi fil-punti (i), (ii) u (iii).

(b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum tal-*whisky* jew *whiskey* għandha tkun ta' 40 %.

(ċ) M'għandha ssir l-ebda żieda ta' alkoħol kif definit fl-Anness I(5), dilwit jew le.

(d) Il-*whisky* jew *whiskey* m'għandux ikun miżjud b'sustanzi dolċifikanti jew tat-taħwir, u lanqas m'għandu jkun fih addittivi għajr karamella ordinarja użata għall-kulur.

3. **Spirtu taċ-ċereali**

(a) L-ispirtu taċ-ċereali huwa xarba spiritwża prodotta esklussivament permezz tad-distillazzjoni ta' maxx fermentat ta' ċereali integrali u li jkollu karatteristiċi organolettiċi miġjuba mill-materja prima użata.

(b) Bl-eċċezzjoni tal-"*Korn*", il-qawwa alkoħolika minima bil-volum ta' l-ispirtu taċ-ċereali għandha tkun ta' 35 %.

(ċ) M'għandha ssir l-ebda żieda ta' alkoħol kif definit fl-Anness I(5), dilwit jew le.

(d) L-ispirtu taċ-ċereali m'għandux ikun miżjud b'sustanzi tat-taħwir.

(e) L-ispirtu taċ-ċereali jista' jkollu miżjud fih karamella biss bħala mezz sabiex jiġi adattat il-kulur.

(f) Sabiex spirtu taċ-ċereali jkollu d-denominazzjoni tal-bejgħ "brandy taċ-ċereali", dan għandu jkun ġie miksub permezz ta' distillazzjoni ta' anqas minn 95 % vol. minn maxx fermentat ta' ċereali integrali, u jippreżenta karatteristiċi organolettiċi miġjuba mill-materja prima użata.

4. **Spirtu ta' l-inbid**

(a) L-ispirtu ta' l-inbid huwa xarba spiritwża:

(i) prodotta esklussivament permezz tad-distillazzjoni f'anqas minn 86 % vol. ta' nbid jew inbid imsaħħaħ għad-distillazzjoni jew permezz tar-ridistillazzjoni ta' distillat ta' l-inbid f'anqas minn 86 % vol.,

(ii) li jkun fiha kwantità ta' sustanzi volatili li tilħaq jew taqbeż il-125 gramma għal kull ettolitru ta' 100 % vol. ta' alkoħol,

(iii) li fiha kontenut massimu ta' metanol ta' 200 gramma għal kull ettolitru ta' 100 % vol. alkoħol.

(b) Il-qawwa alkoholika minima skond il-volum ta' l-ispirtu ta' l-inbid għandha tkun ta' 37,5 %.

(ċ) M'għandha ssir l-ebda żieda ta' alkoħol kif definit fl-Anness I(5), dilwit jew le.

(d) L-ispirtu ta' l-inbid m'għandux ikun miżjud b'sustanzi tat-taħwir. Dan m'għandux jeskludi metodi ta' produzzjoni tradizzjonali.

(e) L-ispirtu ta' l-inbid jista' jkollu miżjud fih karamella biss bħala mezz sabiex jiġi adattat il-kulur.

(f) Meta spirtu ta' l-inbid ikun ġie mmaturat, jista' jibqa' jitqiegħed fis-suq bħala "spirtu ta' l-inbid" bil-kondizzjoni li jkun ġie mmaturat għal mill-inqas il-perijodu stipulat għax-xarba spiritwża definita fil-kategorija 5.

5. ***Brandy* jew *Weinbrand***

(a) Il-*Brandy* jew *Weinbrand* huwa xarba spiritwża:

(i) prodotta mill-ispirtu ta' l-inbid sew jekk miżjuda b'distillat ta' l-inbid jew le, distillat f'inqas minn 94,8 % vol., bil-kondizzjoni li dak id-distillat ma jaqbiżx massimu ta' 50 % tal-kontenut alkoħoliku tal-prodott finali,

(ii) immaturata għal mhux inqas minn sena f'reċipjenti tal-ballut jew għal mhux anqas minn sitt xhur f'bittijat tal-ballut li jesgħu anqas minn 1 000 litru,

(iii) li jkun fiha kwantità ta' sustanzi volatili li tilħaq jew taqbeż il-125 gramma għal kull ettolitru ta' alkoħol ta' 100 % vol., u li tkun miġjuba mid-distillazzjoni jew ir-ridistillazzjoni tal-materja prima użata,

(iv) li fiha kontenut massimu ta' metanol ta' 200 gramma għal kull ettolitru ta' 100 % vol. alkoħol.

(b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum tal-*brandy* jew *Weinbrand* għandha tkun ta' 36 %.

(ċ) M'għandha ssir l-ebda żieda ta' alkoħol kif definit fl-Anness I(5), dilwit jew le.

(d) Il-Brandy jew Weinbrand m'għandux ikun miżjud b'sustanzi tat-taħwir. Dan m'għandux jeskludi metodi ta' produzzjoni tradizzjonali.

(e) Il-*Brandy* jew *Weinbrand* jista' jkollu miżjud fih karamella biss bħala mezz sabiex jiġi adattat il-kulur.

6. **Karfa ta' l-għeneb magħsur jew spirtu tal-karfa ta' l-għeneb magħsur**

(a) Il-karfa ta' l-għeneb magħsur jew l-ispirtu tal-karfa ta' l-għeneb magħsur hija xarba spiritiża li tissodisfa l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) tkun prodotta esklussivament mill-karfa ta' l-għeneb magħsur fermentata u distillata, sew direttament permezz tal-fwar ta' l-ilma jew wara li jkun inżied l-ilma;

(ii) kwantità ta' residwu tal-fond tista' tiżdied mal-karfa ta' l-għeneb magħsur li ma taqbiżx il-25 kg ta' residwu tal-fond għal kull 100 kg ta' karfa ta' l-għeneb magħsur użat;

(iii) il-kwantità ta' l-alkoħol miksuba mir-residwu tal-fond m'għandhiex taqbeż il-35 % tal-kwantità totali ta' l-alkoħol fil-prodott finali;

(iv) id-distillazzjoni għandha titwettaq fil-preżenza tal-karfa ta' l-għeneb magħsur innifisha f'anqas minn 86 % vol.;

(v) ir-ridistillazzjoni hija awtorizzata fl-istess qawwa alkoħolika;

(vi) li jkun fiha kwantità ta' sustanzi volatili li tilħaq jew taqbeż il-140 gramma għal kull ettolitru ta' 100 % vol. ta' alkoħol, u li jkollha massimu ta' kontenut ta' metanol ta' 1 000 gramma għal kull ettolitru ta' alkoħol ta' 100 % vol.

(b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum ta' l-ispirtu tal-karfa ta' l-għeneb magħsur jew tal-karfa ta' l-għeneb magħsur għandha tkun ta' 37,5 %.

(ċ) M'għandha ssir l-ebda żieda ta' alkoħol kif definit fl-Anness I(5), dilwit jew le.

(d) L-ispirtu tal-karfa ta' l-għeneb magħsur jew il-karfa ta' l-għeneb magħsur m'għandhomx jiżdidulhom sustanzi tat-taħwir. Dan m'għandux jeskludi metodi ta' produzzjoni tradizzjonali.

(e) Il-karfa ta' l-għeneb magħsur jew l-ispirtu tal-karfa ta' l-għeneb magħsur jista' jkollu miżjud fih karamella biss bħala mezz sabiex jiġi adattat il-kulur.

7. **Spirtu tal-karfa tal-frott magħsur**

(a) L-ispirtu tal-karfa tal-frott magħsur hija xarba spiritiża li tissodisfa l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) tinkiseb esklussivament permezz tal-fermentazzjoni u d-distillazzjoni f'anqas minn 86 % vol. ta' karfa tal-frott magħsur għajr il-karfa ta' l-għeneb magħsur;

(ii) fiha kwantità minima ta' sustanzi volatili ta' 200 gramma għal kull ettolitru ta' 100 % vol. ta' alkoħol;

(iii) il-kontenut massimu ta' metanol għandu jkun ta' 1 500 gramma għal kull ettolitru ta' alkoħol ta' 100 % vol.;

(iv) il-kontenut massimu ta' aċidu idroċijaniku għandu jkun ta' 7 grammi għal kull ettolitru ta' 100 % vol. ta' alkoħol fil-każ ta' spirtu tal-karfa tal-frott ta' l-għadma magħsur;

(v) id-distillazzjoni mill-ġdid fl-istess qawwa alkoħolika skond il-punt (i) hija awtorizzata.

(b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum ta' l-ispirtu tal-karfa tal-frott magħsur għandha tkun ta' 37,5 %.

(ċ) M'għandha ssir l-ebda żieda ta' alkoħol kif definit fl-Anness I(5), dilwit jew le.

(d) L-ispirtu tal-karfa tal-frott magħsur m'għandux ikun miżjud b'sustanzi tat-taħwir.

(e) L-ispirtu tal-karfa tal-frott magħsur jista' jkollu miżjud fih karamella biss bħala mezz sabiex jiġi adattat il-kulur.

(f) Id-denominazzjoni tal-bejgħ għandha tikkonsisti mill-isem tal-frotta segwita bi "spirtu tal-karfa". Jekk jintużaw karfiet ta' għadd ta' frott differenti, id-denominazzjoni tal-bejgħ għandha tkun "spirtu tal-karfa tal-frott".

8. **Spirtu taż-żbib jew *raisin brandy***

(a) L-ispirtu taż-żbib jew *raisin brandy* huwa xarba spiritwża prodotta permezz tad-distillazzjoni tal-prodott miksub mill-fermentazzjoni alkoħolika ta' l-estratt ta' għeneb imnixxef tal-varjetajiet "Corinth Black" jew Moscatel tal-varjetajiet ta' Alessandrija, distillati f'anqas minn 94,5 % vol., sabiex id-distillat ikollu aroma u togħma miġjuba mill-materja prima użata.

(b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum ta' l-ispirtu taż-żbib jew *raisin brandy* għandha tkun ta' 37,5 %.

(ċ) M'għandha ssir l-ebda żieda ta' alkoħol kif definit fl-Anness I(5), dilwit jew le.

(d) L-ispirtu taż-żbib jew *raisin brandy* m'għandux ikun miżjud b'sustanzi tat-taħwir.

(e) L-ispirtu taż-żbib jew *raisin brandy* jista' jkollu miżjud fih karamella biss bħala mezz sabiex jiġi adattat il-kulur.

9. **Spirtu tal-frott**

(a) L-ispirtu tal-frott huwa xarba spiritwża:

(i) prodotta esklussivament permezz tal-fermentazzjoni alkoħolika u d-distillazzjoni ta' frott imlaħħam jew must ta' tali frott, berries jew ħxejjex, bl-għadam jew mingħajru,

(ii) distillata f'anqas minn 86 % vol. sabiex id-distillat ikollu l-aroma u t-togħma miġjuba mill-materja prima distillata,

(iii) li jkun fihom kwantità ta' sustanzi volatili li tilħaq jew taqbeż il-200 gramma għal kull ettolitru ta' 100 % vol. alkoħol,

(iv) li, fil-każ ta' xorb spiritwż tal-frott bl-għadma, ikollhom kontenut ta' aċidu idroċjaniku li ma jaqbiżx is-7 grammi għal kull ettolitru ta' alkoħol ta' 100 % vol.

(b) Il-kontenut massimu ta' metanol ta' l-ispirtu tal-frott għandu jkun ta' 1 000 gramma għal kull ettolitru ta' 100 % vol. alkoħol.

Madankollu għax-xarbiet spiritwżi tal-frott li ġejjin il-kontenut massimu ta' metanol għandu jkun:

(i) 1 200 gramma għal kull ettolitru ta' 100 % vol. alkoħol miksub mill-frott li ġejjin:

— għanbaqar (*Prunus domestica* L.),

— mirabella (*Prunus domestica* L. subsp. *syriaca* (Borkh.) Janch. ex Mansf.),

— quetsch (*Prunus domestica* L.),

— tuffieħ (*Malus domestica* Borkh.),

— lanġas (*Pyrus communis* L.) *għajr il-lanġas Williams (Pyrus communis* L. cv "Williams"),

— lampun (*Rubus idaeus* L.),

— tut salvaġġ (*Rubus fruticosus* auct. aggr.),

— berquq (*Prunus armeniaca* L.),

— ħawħ (*Prunus persica* (L.) Batsch);

(ii) 1 350 gramma għal kull ettolitru ta' 100 % vol. alkoħol miksub mill-frott jew berries li ġejjin:

— lanġas Williams (*Pyrus communis* L. cv "Williams"),

— passolina ħamra (*Ribes rubrum* L.),

— passolina sewda (*Ribes nigrum* L.),

— rowanberries (*Sorbus aucuparia* L.),

— frott tas-sebuqa (*Sambucus nigra* L.),

— sfarġel (*Cydonia oblonga* Mill.),

— ġnibru (*Juniperus communis* L. u/jew *Juniperus oxicedrus* L.).

(ċ) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum ta' l-ispirtu tal-frott għandha tkun ta' 37,5 %.

(d) M'għandha ssir l-ebda żieda ta' alkoħol kif definit fl-Anness I(5), dilwit jew le.

(e) L-ispirtu tal-frott m'għandux ikun miżjud b'sustanzi tat-taħwir.

(f) Id-denominazzjoni tal-bejgħ ta' l-ispirtu tal-frott għandha tkun "spirtu" preċeduta mill-isem tal-frotta, berry jew ħaxixa, bħal: spirtu taċ-ċirasa jew *kirsch*, spirtu ta' l-għanbaqar jew slivovitz, spirtu tal-mirabella, tal-ħawħ, tat-tuffieħ, tal-lanġas, tal-berquq, tat-tin, taċ-ċitru jew ta' l-għeneb jew xorb spirituż ta' frott ieħor.

Jistgħu jissejħu wkoll *wasser*, flimkien ma' isem il-frotta.

Isem il-frotta jista' jissostitwixxi "spirtu ta'" segwit minn isem il-frotta fil-każ tal-frott jew berries li ġejjin biss:

— mirabella (*Prunus domestica* L. subsp. *syriaca* (Borkh.) Janch. ex Mansf.),

— għanbaqar (*Prunus domestica* L.),

— quetsch (*Prunus domestica* L.),

— frott ta' l-ubrjagola (*Arbutus unedo* L.),

— tuffieħ tat-tip "*Golden Delicious*".

Jekk ikun hemm ir-riskju li l-konsumatur finali ma jifhimx faċilment waħda minn dawn id-denominazzjonijiet tal-bejgħ, l-ittikkettar għandu jinkludi l-kelma "spirtu", possibbilment issupplimentata bi spjegazzjoni.

(g) L-isem *Williams* jista' jintuża biss għall-bejgħ ta' spirtu tal-lanġas prodott mil-lanġas tal-varjetà "Williams" biss.

(h) Kull meta żewġ frottiet, berries jew ħxejjex jew aktar jiġu distillati flimkien, il-prodott għandu jinbiegħ taħt l-isem "spirtu tal-frott" jew "spirtu tal-ħaxix", skond il-każ. L-isem jista' jkun issupplimentat minn dak ta' kull frotta, berry jew ħaxixa, f'ordni li tonqos skond il-kwantità użata.

10. **Spirtu tas-sidru u spirtu tal-perry**

(a) Spirtu tas-sidru u spirtu tal-perry huma xarbiet spiritużi:

(i) prodotti esklużivament permezz tad-distillazzjoni tas-sidru jew il-perry f'anqas minn 86 % vol. sabiex id-distillat ikollu l-aroma u t-togħma miġjuba mill-frott,

(ii) li jkun fihom kwantità ta' sustanzi volatili li tilħaq jew taqbeż il-200 gramma għal kull ettolitru ta' 100 % vol. alkoħol,

(iii) li fiha kontenut massimu ta' metanol ta' 1 000 gramma għal kull ettolitru ta' 100 % vol. alkoħol.

(b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum ta' l-ispirtu tas-sidru u ta' l-spirtu tal-perry għandha tkun ta' 37,5 %.

(ċ) M'għandha ssir l-ebda żieda ta' alkoħol kif definit fl-Anness I(5), dilwit jew le.

(d) La l-ispirtu tas-sidru u lanqas l-ispirtu tal-perry m'għandu jkun miżjud b'sustanzi tat-taħwir.

(e) L-ispirtu tas-sidru u l-ispirtu tal-perry jista' jkollu miżjud fih karamella biss bħala mezz sabiex jiġi adattat il-kulur.

11. **Spirtu ta' l-għasel**

(a) L-ispirtu ta' l-għasel huwa xarba spiritwża:

(i) prodotta permezz tal-fermentazzjoni u d-distillazzjoni tal-maxx ta' l-għasel,

(ii) distillata f'inqas minn 86 % vol. sabiex id-distillat ikollu l-karatteristiċi organolettiċi miġjuba mill-materja prima użata.

(b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum ta' l-ispirtu ta' l-għasel għandha tkun ta' 35 % vol.

(ċ) M'għandha ssir l-ebda żieda ta' alkoħol kif definit fl-Anness I(5), dilwit jew le.

(d) L-ispirtu ta' l-għasel m'għandux ikun miżjud b'sustanzi tat-taħwir.

(e) L-ispirtu ta' l-għasel jista' jkollu miżjud fih karamella biss bħala mezz sabiex jiġi adattat il-kulur.

(f) L-ispirtu ta' l-għasel jista' jiġi dolċifikat biss bl-għasel.

12. ***Hefebrand* jew spirtu tar-residwu tal-fond**

(a) Il-*Hefebrand* jew l-ispirtu tar-residwu tal-fond huwa xarba spiritwża prodotta esklussivament permezz tad-distillazzjoni f'inqas minn 86 % vol. tar-residwu tal-fond ta' l-inbid jew ta' frott fermentat.

(b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum tal-*Hefebrand* jew ta' l-ispirtu tar-residwu tal-fond għandha tkun ta' 38 %.

(ċ) M'għandha ssir l-ebda żieda ta' alkoħol kif definit fl-Anness I(5), dilwit jew le.

(d) Il-*Hefebrand* jew l-ispirtu tar-residwu tal-fond m'għandux ikun miżjud b'sustanzi tat-taħwir.

(e) Il-*Hefebrand* jew l-ispirtu tar-residwu tal-fond jista' jkollu miżjud fih karamella biss bħala mezz sabiex jiġi adattat il-kulur.

(f) Id-denominazzjoni tal-bejgħ tal-*Hefebrand* jew ta' l-ispirtu tar-residwu tal-fond għandha tkun issupplimentata bl-isem tal-materja prima użata.

13. ***Bierbrand* jew *eau de vie de bière***

(a) Il-*Bierbrand* jew *eau de vie de bière* huwa xarba spiritwża miksuba permezz tad-distillazzjoni diretta taħt pressjoni normali ta' birra friska ta' qawwa alkoħolika skond il-volum ta' anqas minn 86 % b'tali mod li d-distillat miksub ikollu karatteristiċi organolettiċi li jidderivaw mill-birra.

(b) Il-qawwa alkoħolika mimima skond il-volum tal-*Bierbrand* jew *eau de vie de bière* għandha tkun ta' 38 %.

(ċ) M'għandha ssir l-ebda żieda ta' alkoħol kif definit fl-Anness I(5), dilwit jew le.

(d) Il-*Bierbrand* jew *eau de vie de bière* m'għandux ikun miżjud b'sustanzi tat-taħwir.

(e) Il-*Bierbrand* jew *eau de vie de bière* jista' jkollu miżjud fih karamella biss bħala mezz sabiex jiġi adattat il-kulur.

14. **Topinambur jew l-ispirtu tal-qaqoċċ ta' Ġerusalemm**

(a) It-Topinambur jew l-ispirtu tal-qaqoċċ ta' Ġerusalemm huwa xarba spiritwża prodotta permezz tal-fermentazzjoni u d-distillazzjoni f'inqas minn 86 % vol. ta' tuberi tal-qaqoċċ ta' Ġerusalemm (*Helianthus tuberosus* L.).

(b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum tat-*topinambur* jew ta' l-ispirtu tal-qaqoċċ ta' Ġerusalemm għandha tkun ta' 38 %.

(ċ) M'għandha ssir l-ebda żieda ta' alkoħol kif definit fl-Anness I(5), dilwit jew le.

(d) It-*Topinambur* jew l-ispirtu tal-qaqoċċ ta' Ġerusalemm m'għandux ikun miżjud b'sustanzi tat-taħwir.

(e) It-*Topinambur* jew l-ispirtu tal-qaqoċċ ta' Ġerusalemm jista' jkollu miżjud fih karamella biss bħala mezz sabiex jiġi adattat il-kulur.

15. **Vodka**

(a) Il-vodka hija xarba ta' l-ispirtu prodotta mill-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola li tinkiseb wara fermentazzjoni mal-ħmira minn:

(i) patata u/jew ċereali, jew,

(ii) materji prima agrikoli oħra,

distillata u/jew imsoffija sabiex il-karatteristiċi organolettiċi tal-materja prima użata u tal-prodotti sekondarji fformati waqt il-fermentazzjoni jitnaqqsu b'mod selettiv.

Dan il-proċess jista' jiġi segwit b'ridistillazzjoni u/jew trattament permezz ta' assistenzi xierqa għall-ipproċessar, inkluż it-trattament bil-faħam tal-kannol attivat, sabiex ix-xarba tingħata karatteristiċi organolettiċi speċjali.

Il-livelli massimi ta' residwu għall-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola għandhom jissodisfaw lil dawk stabbiliti fl-Anness I, ħlief il-kontenut li r-residwu tal-metanol m'għandux jaqbeż l-10 grammi għal kull ettolitru ta' 100 % vol alkoħol.

(b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum tal-vodka għandha tkun ta' 37,5 %.

(ċ) L-uniċi sustanzi tat-taħwir li jistgħu jiżdiedu huma l-komposti tat-taħwir naturali preżenti fid-distillat miksub mill-materjali prima ffermentati. Flimkien ma' dan, il-prodott jista' jingħata karatteristiċi organolettiċi speċjali, minbarra it-togħma predominanti.

(d) Id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni jew l-ittikkettar tal-vodka li mhix manifatturata esklussivament minn materja (i) prima elenkati fil-paragrafu (a) (i) għandu juri l-indikazzjoni "magħmul minn ...", supplimentata bl-isem tal-materja(i) prima utilizzati fil-produzzjoni ta' l-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola. L-ittikkettar għandu jkun skond l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2000/13/KE.

16. **Spirtu ta' (segwit minn isem il-frotta jew berry), miksub permezz tal-maċerazzjoni u d-distillazzjoni**

(a) L-ispirtu (segwit minn isem il-frotta jew berry) miksub permezz tal-maċerazzjoni u d-distillazzjoni huwa xarba spiritwża:

(i) prodotta bil-maċerazzjoni ta' frott jew berries elenkati taħt il-punt (ii) kemm jekk fermentati parzjalment jew mhux fermentati biż-żieda possibbli ta' massimu ta' 20 litru ta' alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola jew spirtu u/jew distillat miġjub mill-istess frott għal kull 100 kg ta' frott jew berries fermentat, segwita b'distillazzjoni f'inqas minn 86 % vol.

(ii) miksuba mill-frott jew berries li ġejjin:

— tut salvaġġ (*Rubus fruticosus* auct. aggr.),

— frawli (*Fragaria* spp.),

— mirtill (*Vaccinium myrtillus* L.),

— lampun (*Rubus idaeus* L.),

— passolina ħamra (*Ribes rubrum* L.),

— pruna salvaġġa (*Prunus spinosa* L.),

— rowanberry (*Sorbus aucuparia* L.),

— frott taż-żorba (*Sorbus domestica* L.),

— frotta ta' l-ileks (*Ilex cassine* L.),

— checkerberry (*Sorbus torminalis* (L.) Crantz),

— frotta tas-sebuqa (*Sambucus nigra* L.),

— rosehip (*Rosa canina* L.),

— passolina sewda (*Ribes nigrum* L.).

— banana (*Musa* spp.),

— frotta tal-passjoni (*Passiflora edulis* Sims),

— ambarella (*Spondias dulcis* Sol. ex Parkinson),

— hog plum (*Spondias mombin* L.)

(b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum ta' Spirtu (segwit minn isem il-frotta jew berry) miksub bil-maċerazzjoni u d-distillazzjoni għandha tkun ta' 37,5 %.

(ċ) L-ispirtu (segwit minn isem il-frotta jew berry), miksub bil-maċerazzjoni u d-distillazzjoni m'għandux ikun miżjud b'sustanzi tat-taħwir.

(d) Rigward l-ittikkettar u l-preżentazzjoni ta' Spirtu (segwit minn isem il-frotta jew berry) miksub bil-maċerazzjoni u d-distillazzjoni, il-kliem "miksub bil-maċerazzjoni u d-distillazzjoni" għandhom jidhru fuq id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni jew l-ittikkettar b'tipa ta' l-istess font, daqs u lewn, u fuq l-istess kamp viżiv bħall-kliem "Spirtu ta' (segwit minn isem il-frotta jew berry)" u, fil-każ ta' fliexken, fuq it-tikketta ta' quddiem.

17. ***Geist* (flimkien ma' isem il-frotta jew il-materja prima użata)**

(a) *Geist* (flimkien ma' isem il-frotta jew il-materja prima użata) huwa xarba spiritwża miksuba permezz tal-maċerazzjoni ta' frott u berries mhux fermentati elenkati fil-kategorija 16(a)(ii) jew ħxejjex, lewż, jew materjali ta' pjanti oħra bħal ħxejjex aromatiċi (herbs) jew petali tal-ward f'alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola, segwita b'distillazzjoni f'inqas minn 86 % vol.

(b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum tal-*Geist* (flimkien ma' isem il-frotta jew il-materja prima użata) għandha tkun ta' 37,5 %.

(ċ) Il-*Geist* (flimkien ma' isem il-frotta jew il-materja prima użata) m'għandux ikun miżjud b'sustanzi tat-taħwir.

18. **Ġenzjana**

(a) Il-ġenzjana hija xarba spiritwża prodotta minn distillat tal-ġenzjana, li jinkiseb permezz tal-fermentazzjoni ta' għerq il-ġenzjana biż-żieda jew mingħajrha ta' alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola.

(b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum ta' ġenzjana għandha tkun ta' 37,5 %.

(ċ) Il-ġenzjana m'għandhiex tkun miżjuda b'sustanzi tat-taħwir.

19. **Xorb spiritwż bit-togħma tal-ġnibru**

(a) Ix-xarbiet spiritwżi bit-togħma tal-ġnibru huma xarbiet spiritwżi prodotti billi tingħata t-togħma bil-frott tal-ġnibru (*Juniperus communis* L. u/jew *Juniperus oxicedrus* L.) lill-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola u/jew spirtu taċ-ċereali u/jew distillat taċ-ċereali.

(b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum tax-xarbiet spiritwżi bit-togħma tal-ġnibru għandha tkun ta' 30 %.

(ċ) Sustanzi tat-taħwir oħrajn naturali u/jew identiċi għal dawk naturali kif definiti fl-Artikolu 1(2)(b)(i) u (ii) tad-Direttiva 88/388/KEE u/jew preparati tat-taħwir kif definiti fl-Artikolu 1(2)(ċ) ta' dik id-Direttiva, u/jew pjanti aromatiċi jew partijiet minn pjanti aromatiċi jistgħu jintużaw bħala addittivi, iżda l-karatteristiċi organolettiċi tal-ġnibru għandhom ikunu dixxernibbli, anke jekk xi kultant dawn ikunu mdgħajfa.

(d) Xorb spiritwż bit-togħma tal-ġnibru jista' jkollu d-denominazzjonijiet tal-bejgħ *Wacholder* jew *genebra*.

20. **Gin**

(a) Il-*gin* huwa xarba spiritwża bit-togħma tal-ġnibru prodotta billi tingħata t-togħma tal-frott tal-ġnibru (*Juniperus communis* L.) lill-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola li jkun organolettikament adatt.

(b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum tal-*gin* għandha tkun ta' 37,5 %.

(ċ) Sustanzi tat-taħwir naturali u/jew identiċi għan-natura biss kif definiti fl-Artikolu 1(2)(b)(i) u (ii) tad-Direttiva 88/388/KEE u/jew preparati tat-taħwir kif definiti fl-Artikolu 1(2)(ċ) ta' dik id-Direttiva għandhom jintużaw għall-produzzjoni tal-*gin* sabiex tippredomina t-togħma tal-ġnibru.

21. ***Gin* distillat**

(a) *Gin* distillat huwa:

(i) xarba spiritwża bit-togħma tal-ġnibru prodotta esklussivament permezz tar-ridistillazzjoni b'mod organolettiku ta' alkoħol etiliku adatt ta' oriġini agrikola ta' kwalità xierqa b'qawwa alkoħolika inizjali ta' mhux anqas minn 96 % vol. f'imqatar tradizzjonali użati għall-gin, fil-preżenza ta' frott tal-ġnibru (*Juniperus communis* L.) u materjali botaniċi naturali oħrajn sakemm it-togħma tal-ġnibru tkun predominanti, jew

(ii) it-taħlit tal-prodott ta' tali distillazzjoni u l-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola ta' l-istess kompożizzjoni, purità u qawwa alkoħolika; sustanzi tat-taħwir naturali u/jew identiċi għal dawk naturali u/jew preparati tat-taħwir kif speċifikat fil-kategorija 20(ċ) jistgħu jintużaw ukoll sabiex jagħtu t-togħma lill-*gin* distillat.

(b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum ta' *gin* distillat għandha tkun ta' 37,5 %.

(ċ) Il-*gin* miksub sempliċiment billi jiżdiedu l-essenzi jew is-sustanzi tat-taħwir ma' l-alkoħol elitiku ta' oriġini agrikola m'huwiex *gin* distillat.

22. **London gin**

(a) Il-*London gin* huwa tip ta' *gin* distillat:

(i) miksub minn alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola, b'kontenut massimu ta' metanol ta' 5 grammi għal kull ettolitru ta' 100 % vol. alkoħol, li t-togħma tiegħu tiġi introdotta esklussivament permezz tar-ridistillazzjoni f'imqatar tradizzjonali ta' l-alkoħol etiliku fil-preżenza tal-materjali naturali mill-pjanti kollha użati,

(ii) li d-distillat li jirriżulta minnu fih ta' l-anqas volum ta' alkoħol ta' 70 %,

(iii) fejn jiżdied kwalunkwe alkoħol elitiku ta' oriġini agrikola dan għandu jkun konsistenti mal-karatteristiċi elenkati fl-Anness I(-1), iżda b'kontenut massimu ta' metanol li ma jaqbiżx il-5 grammi għal kull ettolitru ta' alkoħol ta' 100 %,

(iv) li ma fihx dolċifikanti miżjudin aktar minn 0,1 grammi ta' zokkort għal kull litru ta' prodott finali u lanqas koloranti,

(v) li ma fih ebda ingredjenti oħrajn miżjudin għajr l-ilma.

(b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum tal-*London gin* għandha tkun ta' 37,5 %.

(ċ) It-terminu *London gin* jista' jkun issupplimentat bit-terminu "*dry*".

23. **Xarbiet spiritużi bit-togħma ta' l-anisi**

(a) Ix-xarbiet spiritużi bit-togħma ta' l-anisi huma xarbiet spiritużi prodotti billi tingħata t-togħma ta' l-anisi (*Carum carvi* L.) lill-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola.

(b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum tax-xarbiet spiritużi bit-togħma ta' l-anisi għandha tkun ta' 30 %.

(ċ) Sustanzi tat-taħwir oħrajn naturali u/jew identiċi għal dawk naturali kif definiti fl-Artikolu 1(2)(b)(i) u (ii) tad-Direttiva 88/388/KEE u/jew preparati tat-taħwir kif definiti fl-Artikolu 1(2)(ċ) ta' dik id-Direttiva, jistgħu jintużaw b'mod addizzjonali iżda għandu jkun hemm togħma predominanti ta' l-anisi.

24. ***Akvavit* jew *aquavit***

(a) L-*akvavit* jew *aquavit* huwa xarba spiritużа bit-togħma ta' l-anisi u/jew taż-żerriegħa tax-xibt mogħti t-togħma b'distillat ta' pjanti jew ħwawar.

(b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum ta' l-*akvavit* jew *aquavit* għandha tkun ta' 37,5 %.

(ċ) Sustanzi li jagħtu t-togħma oħrajn naturali u/jew identiċi għan-natura kif definiti fl-Artikolu 1(2)(b)(i) u (ii) tad-Direttiva 88/388/KEE u/jew preparati li jagħtu t-togħma kif definiti fl-Artikolu 1(2)(ċ) ta' dik id-Direttiva jistgħu jintużaw b'mod addizzjonali, iżda t-togħma ta' dawn ix-xarbiet hi attribwibbli l-aktar għad-distillati ta' l-anisi (*Carum carvi* L.) u/jew iż-żerriegħa tax-xibt (*Anethum graveolens* L.), billi l-użu taż-żjut essenzjali hu projbit.

(d) Is-sustanzi morri m'għandhomx jiddominaw it-togħma b'mod ovvju; il-kontenut ta' l-estratt niexef m'għandux jaqbeż il-1,5 grammi għal kull 100 millilitru.

25. **Xorb spirituż bit-togħma ta' l-aniżetta**

(a) Ix-xarbiet spiritużi bit-togħma ta' l-aniżetta huma xarbiet spiritużi prodotti billi tingħata t-togħma lill-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola permezz ta' estratti naturali ta' l-anisi stellata (*Illicium verum* Hook f.), l-anisi (*Pimpinella anisum* L.), il-bużbież (*Foeniculum vulgare* Mill.), jew kwalunkwe pjanta oħra li fiha l-istess kostitwent aromatiku prinċipali, bl-użu ta' wieħed minn dawn il-proċessi li ġejjin jew il-kombinazzjoni tagħhom:

(i) il-maċerazjoni u/jew id-distillazzjoni,

(ii) ir-ridistillazzjoni ta' l-alkoħol fil-preżenza taż-żrieragħ jew partijiet oħra tal-pjanti speċifikati hawn fuq,

(iii) iż-żieda ta' estratti distillati naturali ta' pjanti bit-togħma ta' l-aniżetta.

(b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum tax-xarbiet spiritużi bit-togħma ta' l-anizetta għandha tkun ta' 15 %.

(ċ) Preparati u sustanzi tat-taħwir naturali kif definiti fl-Artikolu 1(2)(b)(i) u l-Artikolu 1(2)(ċ) tad-Direttiva 88/388/KEE biss jistgħu jintużaw fil-preparazzjoni ta' xarbiet spiritużi bit-togħma ta' l-anizetta.

(d) Estratti jew żrieragħ aromatiċi minn pjanti naturali oħrajn jistgħu jintużaw ukoll, iżda t-togħma ta' l-anizetta trid tibqa' predominanti.

26. ***Pastis***

(a) Il-*pastis* huwa xarba spiritwża bit-togħma ta' l-anizetta li fiha wkoll estratti naturali ta' għerq il-likorizja (*Glycyrrhiza* spp.), li jimplika l-preżenza tal-koloranti magħrufa bħala "chalcones" kif ukoll l-aċidu glikoċirriżiku, li l-livelli minimi u massimi tiegħu għandhom ikunu ta' 0,05 u 0,5 ta' gramma għal kull litru rispettivament.

(b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum tal-*pastis* għandha tkun ta' 40 %.

(ċ) Preparati u sustanzi tat-taħwir naturali kif definiti fl-Artikolu 1(2)(b)(i) u l-Artikolu 1(2)(ċ) tad-Direttiva 88/388/KEE biss jistgħu jintużaw fil-preparazzjoni tal-*pastis*.

(d) Il-*pastis* fih anqas minn 100 gramma ta' zokkrijiet għal kull litru, espressi bħala zokkor invertit, u għandu livell minimu u massimu ta' anetolu ta' 1,5 u 2 grammi għal kull litru rispettivament.

27. ***Pastis de Marseille***

(a) Il-*pastis de Marseille* huwa *pastis* b'kontenut ta' anetolu ta' 2 grammi għal kull litru.

(b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum tal-*pastis de Marseille* għandha tkun ta' 45 %.

(ċ) Preparati u sustanzi tat-taħwir naturali kif definiti fl-Artikolu 1(2)(b)(i) u l-Artikolu 1(2)(ċ) tad-Direttiva 88/388/KEE biss jistgħu jintużaw fil-preparazzjoni tal-*pastis de Marseille*.

28. **Anis**

(a) L-*anis* hija xarba spiritwża bit-togħma ta' l-anizetta li t-togħma karatteristika tagħha tiġi mill-anisi (*Pimpinella anisum* L.) u/jew l-anisi stellata (*Illicium verum* Hook f.) u/jew il-bużbież (*Foeniculum vulgare* Mill.).

(b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum ta' l-*anis* għandha tkun ta' 35 %.

(ċ) Preparati u sustanzi tat-taħwir naturali kif definiti fl-Artikolu 1(2)(b)(i) u l-Artikolu 1(2)(ċ) tad-Direttiva 88/388/KEE biss jistgħu jintużaw fil-preparazzjoni ta' l-anis.

29. ***Anis* distillata**

(a) L-*anis* distillata hija *anis* li fiha alkoħol distillat fil-preżenza taż-żrieragħ imsemmijin fil-kategorija 28(a), u fil-każ ta' indikazzjonijiet ġeografiċi żrieragħ mastiċi u żrieragħ, pjanti jew frott aromatiċi oħrajn, bil-kondizzjoni li tali alkoħol jikkostitwixxi ta' l-anqas 20 % tal-qawwa alkoħolika ta' l-*anis* distillata.

(b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum ta' l-*anis* distillata għandha tkun ta' 35 %.

(ċ) Preparati u sustanzi tat-taħwir naturali kif definiti fl-Artikolu 1(2)(b)(i) u l-Artikolu 1(2)(ċ) tad-Direttiva 88/388/KEE biss jistgħu jintużaw fil-preparazzjoni ta' l-*anis* distillata.

30. **Xarbiet spiritużi b'togħma morra jew *bitter***

(a) Xarbiet spiritużi b'togħma morra jew *bitter* huma xarbiet spiritużi b'togħma predominantement morra prodotti billi tingħata t-togħma lil alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola permezz ta' sustanzi tat-taħwir naturali u/jew identiċi għal dawk naturali kif definiti fl-Artikolu 1(2)(b)(i) u (ii) tad-Direttiva 88/388/KEE u/jew preparati tat-taħwir kif definiti fl-Artikolu 1(2)(ċ) ta' dik id-Direttiva.

(b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum ta' xarbiet spiritużi b'togħma morra jew *bitter* għandha tkun ta' 15 %.

(ċ) Xarbiet spiritużi b'togħma morra jew "*bitter*" jistgħu jinbiegħu wkoll taħt l-ismijiet "amer" jew "*bitter*" flimkien ma' terminu ieħor jew mingħajru.

31. **Vodka mogħtija togħma**

(a) Il-vodka mogħtija togħma hija vodka li ngħatat togħma predominanti għajr dik tal-materja prima,

(b) il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum ta' vodka mogħtija togħma, għandha tkun ta' 37,5 %,

(ċ) il-vodka mogħtija togħma tista' tiġi dolċifikata, imħallta, mogħtija t-togħma, maturata jew ikkulurita,

(d) il-vodka mogħtija togħma tista' tinbiegħ ukoll taħt l-isem ta' kwalunkwe togħma predominanti bil-kelma "vodka".

32. **Likur**

(a) Il-likur huwa xarba spiritu̇ża:

(i) li għandha kontenut minimu ta' zokkor, espress bħala zokkor invertit, ta':

— 70 gramma għal kull litru fil-każ ta' likuri taċ-ċirasa li l-alkoħol etiliku tagħhom jikkonsisti esklużivament minn spirtu taċ-ċirasa,

— 80 gramma għal kull litru għall-ġenzjana jew likuri simili ppreparati bil-ġenzjana jew pjanti simili bħala l-unika sustanza aromatika,

— 100 gramma għal kull litru fil-każijiet l-oħrajn kollha;

(ii) prodotta billi tingħata t-togħma lil alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola jew distillat ta' oriġini agrikola jew xarba spiritwża waħda jew aktar jew taħlita tagħhom, dolċifikata u miżjuda bi prodotti ta' oriġini agrikola jew oġġetti ta' l-ikel bħal krema, ħalib jew prodotti oħra tal-ħalib, frott, inbid jew inbid aromatizzat kif definit fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91 ta' l-10 ta' Ġunju 1991 li jistabbilixxi regoli ġenerali dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni u l-preżentazzjoni ta' nbejjed aromatizzati, xorb ibbażat fuq inbid aromatizzat u cocktails aromatizzati magħmula mill-prodotti ta' l-inbid [1].

(b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum ta' likur għandha tkun ta' 15 %.

(ċ) Preparati u sustanzi tat-taħwir naturali kif definiti fl-Artikolu 1(2)(b)(i) u l-Artikolu 1(2)(ċ) tad-Direttiva 88/388/KEE u preparati u sustanzi tat-taħwir identiċi għal dawk naturali kif definiti fl-Artikolu 1(2)(b)(ii) ta' dik id-Direttiva biss jistgħu jintużaw fil-preparazzjoni tal-likur.

Madankollu, preparati u sustanzi tat-taħwir identiċi għal dawk naturali kif definiti fl-Artikolu 1(2)(b)(ii) ta' dik id-Direttiva m'għandhomx jintużaw fil-preparazzjoni tal-likuri li ġejjin:

(i) Likuri tal-frott:

— passolina sewda,

— ċirasa,

— lampun,

[1] ĠU L 149, 14.6.1991, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mit-Trattat ta' l-Adeżjoni ta' l-2005.

— ċawsli,

— mirtill,

— frott taċ-ċitru,

— frott l-għollieq tal-muntanji ('cloudberry'),

— frott l-għollieq ta' l-artiku (arctic bramble),

— cranberry,

— lingonberry,

— pruna salvaġġa marina,

— ananas;

(ii) likuri tal-pjanti:

— nagħniegħ,

— ġenzjana,

— aniżetta,

— ġenepi,

— vulnerarja.

(d) It-termini komposti li ġejjin jistgħu jintużaw fil-preżentazzjoni ta' likuri prodotti fil-Komunità fejn l-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola jintuża sabiex jirrifletti metodi ta' produzzjoni stabbiliti:

— *prune brandy,*

— *orange brandy,*

— *apricot brandy,*

— *cherry brandy,*

— *solbaerrom*, imsejjaħ ukoll rum tal-passolina sewda.

Fir-rigward ta' l-ittikkettar u l-preżentazzjoni ta' dawk il-likuri, it-terminu kompost għandu jidher fuq l-ittikkettar f'linja waħda b'tipa uniformi bl-istess font u lewn u l-kelma "likur" għandha tidher fil-qrib immedjat b'tipa li ma tkunx iċken minn dak il-font. Jekk l-alkoħol ma jkunx ġej mix-xarba spirituża indikata, l-oriġini tiegħu għandu jintwera fuq l-ittikkettar fl-istess kamp viżwali bħat-terminu kompost u l-kelma "likur" billi jiġi ddikjarat it-tip ta' alkoħol agrikolu jew permezz tal-kliem "alkoħol agrikolu" preċedut kull darba minn "magħmul minn" jew "magħmul bl-użu ta'".

33. **Crème de (segwit minn isem ta' frotta jew tal-materja prima użata)**

(a) Ix-xarbiet spiritużi magħrufin bħala Crème de (segwiti minn isem ta' frotta jew tal-materja prima użata), minbarra l-prodotti tal-ħalib, huma likuri b'kontenut minimu ta' zokkor ta' 250 gramma għal kull litru espress bħala zokkor invertit.

(b) Il-qawwa alkoholika minima skond il-volum ta' Crème de (segwit minn isem ta' frotta jew tal-materja prima użata) għandha tkun ta' 15 %.

(ċ) Ir-regoli dwar il-preparati u s-sustanzi tat-taħwir għal likuri stabbiliti taħt il-kategorija 32 għandhom japplikaw għal din ix-xarba spirituża.

(d) Id-denominazzjoni tal-bejgħ tista' tiġi supplimentata bit-terminu "likur".

34. ***Crème de cassis***

(a) Il-*Crème de cassis* huwa likur tal-passolina sewda li fih kontenut minimu ta' 400 gramma zokkor kull litru espress bħala zokkor invertit.

(b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum tal-*Crème de cassis* għandha tkun ta' 15 %.

(ċ) Ir-regoli dwar il-preparati u s-sustanzi tat-taħwir għal likuri stabbiliti taħt il-kategorija 32 għandhom japplikaw għall-*Crème de cassis*.

(d) Id-denominazzjoni tal-bejgħ tista' tiġi supplimentata bit-terminu "likur".

35. ***Guignolet***

(a) Il-*guignolet* huwa likur miksub permezz tal-maċerazzjoni taċ-ċirasa f'alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola.

(b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum tal-*guignolet* għandha tkun ta' 15 %.

(ċ) Ir-regoli dwar il-preparati u s-sustanzi tat-taħwir għal likuri stabbiliti taħt il-kategorija 32 għandhom japplikaw għall-*guignolet*.

(d) Id-denominazzjoni tal-bejgħ tista' tiġi supplimentata bit-terminu "likur".

36. ***Punch au rhum***

(a) Il-*punch au rhum* hu likur li l-kontenut ta' l-alkoħol għalih hu pprovdut esklużivament mir-rum.

(b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum tal-*punch au rhum* għandha tkun ta' 15 %.

(ċ) Ir-regoli dwar il-preparati u s-sustanzi tat-taħwir għal likuri stabbiliti taħt il-kategorija 32 għandhom japplikaw għall-*punch au rhum*.

(d) Id-denominazzjoni tal-bejgħ tista' tiġi supplimentata bit-terminu "likur".

37. ***Gin* tal-pruna salvaġġa**

(a) Il-*gin* tal-pruna salvaġġa huwa likur prodott permezz tal-maċerazzjoni ta' prun salvaġġ fil-*gin* bil-possibbiltà ta' żieda ta' prun salvaġġ magħsur.

(b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum tal-*gin* tal-pruna salvaġġa għandha tkun ta' 25 %.

(ċ) Preparati u sustanzi tat-taħwir naturali biss kif definiti fl-Artikolu 1(2)(b)(i) u l-Artikolu 1(2)(ċ) tad-Direttiva 88/388/KEE jistgħu jintużaw fil-preparazzjoni tal-*gin* tal-pruna salvaġġa.

(d) Id-denominazzjoni tal-bejgħ tista' tiġi supplimentata bit-terminu "likur".

38. ***Sambuca***

(a) Is-*sambuca* huwa likur bla lewn bit-togħma ta' l-aniżetta:

  (i) li fih distillati ta' l-anisi (*Pimpinella anisum* L.), l-anisi stellata (*Illicium verum* L.) jew ħxejjex aromatiċi oħra,

  (ii) li għandu kontenut minimu ta' zokkor ta' 350 gramma għal kull litru espress bħala zokkor invertit,

  (iii) li għandu kontenut ta' anetolu naturali ta' mhux anqas minn 1 gramma u mhux aktar minn 2 grammi kull litru.

(b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum tas-*sambuca* għandha tkun ta' 38 %.

(ċ) Ir-regoli dwar il-preparati u s-sustanzi tat-taħwir għal likuri stabbiliti taħt il-kategorija 32 għandhom japplikaw għas-*sambuca*.

(d) Id-denominazzjoni tal-bejgħ tista' tiġi supplimentata bit-terminu "likur".

39. ***Maraschino, Marrasquino* jew *Maraskino***

(a) Il-*maraschino, marrasquino* jew *maraskino* huwa likur bla lewn li togħmtu tiġi prinċipalment minn distillat taċ-ċirasa maraskina jew tal-prodott tal-maċerazzjoni taċ-ċirasa jew partijiet taċ-ċirasa f'alkoħol ta' oriġini agrikola b'kontenut minimu ta' zokkor ta' 250 gramma għal kull litru espress bħala zokkor invertit.

(b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum tal-*maraschino, marrasquino* jew *maraskino* għandha tkun ta' 24 %.

(ċ) Ir-regoli dwar il-preparati u s-sustanzi tat-taħwir għal likuri stabbiliti taħt il-kategorija 32 għandhom japplikaw għall-*maraschino, marrasquino* jew *maraskino*.

(d) Id-denominazzjoni tal-bejgħ tista' tiġi supplimentata bit-terminu "likur".

40. ***Nocino***

(a) In-*nocino* huwa likur li togħmtu tiġi prinċipalment permezz tal-maċerazzjoni u/jew id-distillazzjoni tal-ġewż aħdar (*Juglans Regia*L.) b'kontenut minimu ta' zokkor ta' 100 gramma għal kull litru espress bħala zokkor invertit.

(b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum tan-*nocino* għandha tkun ta' 30 %.

(ċ) Ir-regoli dwar il-preparati u s-sustanzi tat-taħwir għal likuri stabbiliti taħt il-kategorija 32 għandhom japplikaw għan-*nocino*.

(d) Id-denominazzjoni tal-bejgħ tista' tiġi supplimentata bit-terminu "likur".

41. **Likur tal-bajd jew *advocaat* jew *avocat* jew *advokat***

(a) Il-likur tal-bajd jew *advocaat* jew *avocat* jew *advokat* huwa xarba spiritwża, sew bit-togħma miżjuda jew le, miksuba minn alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola, distillat u/jew spirtu, li l-ingredjenti tiegħu huma isfar tal-bajd, abjad tal-bajd u zokkor jew għasel ta' kwalità. Il-kontenut minimu ta' zokkor jew għasel għandu jkun ta' 150 gramma għal kull litru espress bħala zokkor invertit. Il-kontenut minimu ta' isfar tal-bajd pur għandu jkun ta' 140 gramma għal kull litru tal-prodott finali.

(b) B'deroga mill-Artikolu 2(1)(ċ), il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum tal-likur tal-bajd jew *advocaat* jew *avocat* jew *advokat* għandha tkun ta' 14 %.

(ċ) Preparati u sustanzi tat-taħwir naturali jew identiċi għan-natura kif definiti fl-Artikolu 1(2)(b)(i) u (ii) u fl-Artikolu 1(2)(ċ) tad-Direttiva 88/388/KEE biss jistgħu jintużaw fil-preparazzjoni tal-likur tal-bajd jew *advocaat* jew *avocat* jew *advokat*.

42. **Likur bil-bajd**

(a) Il-likur bil-bajd huwa xarba spiritwża, sew bit-togħma miżjuda jew le, miksuba minn alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola, distillat u/jew spirtu, li l-ingredjenti karatteristiċi tiegħu huma isfar tal-bajd, abjad tal-bajd u zokkor jew għasel ta' kwalità. Il-kontenut minimu ta' zokkor jew għasel għandu jkun ta' 150 gramma għal kull litru espress bħala zokkor invertit. Il-kontenut minimu ta' isfar tal-bajd għandu jkun ta' 70 gramma għal kull litru tal-prodott finali.

(b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum tal-likur bil-bajd għandha tkun ta' 15 %.

(ċ) Preparati u sustanzi tat-taħwir naturali kif definiti fl-Artikolu 1(2)(b)(i) u l-Artikolu 1(2)(ċ) tad-Direttiva 88/388/KEE biss jistgħu jintużaw fil-preparazzjoni tal-likur bil-bajd.

43. ***Mistrà***

(a) Il-m*Mistrà* huwa xarba spiritwża bla lewn mogħtija t-togħma bl-aniżetta jew bl-anetolu naturali:

(i) li għandha kontenut ta’ anetolu ta’ mhux anqas minn 1 gramma u mhux aktar minn 2 grammi kull litru,

(ii) li jista’ jkun fiha wkoll distillat ta’ ħxejjex aromatiċi,

(iii) li ma jkun fiha l-ebda zokkor miżjud.

(b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum tal-*mistrà* għandha tkun ta’ 40 % u l-qawwa alkoħolika massima skond il-volum għandha tkun ta’ 47 %.

(ċ) Preparati u sustanzi tat-taħwir naturali kif definiti fl-Artikolu 1(2)(b)(i) u l-Artikolu 1(2)(ċ) tad-Direttiva 88/388/KEE biss jistgħu jintużaw fil-preparazzjoni tal-*mistrà*.

44. ***Väkevä glögi* jew *spritglögg***

(a) Il-*väkevä glögi* jew *spritglögg* huwa xarba spiritwża prodotta billi l-alkoħol etiliku ta’ oriġini agrikola jingħata t-togħma permezz ta’ l-aroma naturali jew identika għal dik naturali ta’ l-imsiemer tal-qronfol u/jew il-kannella bl-użu ta’ wieħed minn dawn il-proċessi li ġejjin: il-maċerazzjoni u/jew id-distillazzjoni, ir-ridistillazzjoni ta’ l-alkoħol fil-preżenza tal-partijiet tal-pjanti speċifikati hawn fuq, iż-żieda ta’ togħma naturali jew identika għal dik naturali ta’ l-imsiemer tal-qronfol jew il-kannella jew kombinazzjoni ta’ dawn il-metodi.

(b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum tal-*väkevä glögi* jew *spritglögg* għandha tkun ta’ 15 %.

(ċ) Estratti tal-pjanti tat-taħwir naturali jew identiċi għal dawk naturali f’konformità mad-Direttiva 88/388/KEE jistgħu jintużaw ukoll, iżda t-togħma predominanti trid tkun dik tal-ħwawar speċifikati.

(d) Il-kontenut ta’ nbid jew prodotti ta’ l-inbid m’għandhiex taqbeż il-50 % tal-prodott finali.

45. ***Berenburg* jew *Beerenburg***

(a) Il-*Berenburg* jew *Beerenburg* huwa xarba spiritwża:

(i) prodotta permezz ta’ l-alkoħol etiliku ta’ oriġini agrikola,

(ii) bil-maċerazzjoni ta’ frott jew pjanti jew partijiet minnhom,

(iii) li jkun fiha bħala togħma speċifika d-distillat ta’ għerq il-ġenzjana (Gentiana lutea L.), ta’ frott il-ġnibru (*Juniperus communis* L.) u tal-weraq tar-rand (*Laurus nobilis* L.),

(iv) li tvarja fil-lewn minn kannella ċar sa skur,

(v) li tista’ tiġi dolċifikata sa massimu ta’ 20 gramma għal kull litru espress bħala zokkor invertit.

(b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum tal-*Berenburg* jew *Beerenburg* għandha tkun ta’ 30 %.

(ċ) Preparati u sustanzi tat-taħwir naturali kif definiti fl-Artikolu 1(2)(b)(i) u l-Artikolu 1(2)(ċ) tad-Direttiva 88/388/KEE biss jistgħu jintużaw fil-preparazzjoni tal-*Berenburg* jew *Beerenburg*.

46. **Nektar ta’ l-għasel jew tal-*mead***

(a) In-nektar ta’ l-għasel jew tal-*mead* huwa xarba spiritwża prodotta billi tingħata t-togħma lit-taħlita ta’ maxx ta’ l-għasel fermentat u distillat ta’ l-għasel u/jew alkoħol etiliku ta’ oriġini agrikola, li fiha mill-inqas 30 % vol. ta’ maxx ta’ l-għasel fermentat.

(b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum tan-nektar ta’ l-għasel jew tal-*mead* għandha tkun ta’ 22 %.

(ċ) Preparati u sustanzi tat-taħwir naturali kif definiti fl-Artikolu 1(2)(b)(i) u l-Artikolu 1(2)(ċ) tad-Direttiva 88/388/KEE biss jistgħu jintużaw fil-preparazzjoni tan-nektar ta' l-għasel jew tal-*mead* bil-kondizzjoni li tippredomina t-togħma ta' l-għasel.

(d) In-nektar ta' l-għasel jew tal-*mead* jista' jiġi dolċifikat biss bl-għasel.

*Xorb spiritu̇ż ieħor*

1. Ir-*Rum-Verschnitt* huwa prodott fil-Ġermanja u jinkiseb billi jitħalltu r-rum u l-alkoħol, fejn proporzjon mimimu ta' 5 % ta' l-alkoħol fil-prodott finali trid tiġi mir-rum. Il-qawwa alkoħolika minima bil-volum tar-*Rum-Verschnitt* għandha tkun ta' 37,5 %. Fir-rigward ta' l-ittikkettar u l-preżentazzjoni tal-prodott *Rum-Verschnitt* il-kelma "*Verschnitt*" trid tidher fuq id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni jew l-ittikkettar b'karattri ta' l-istess tipa, daqs u lewn, u fuq l-istess linja, tal-kelma "*Rum*" u, fil-każ tal-fliexken, fuq it-tikketta ta' quddiem. Meta dan il-prodott jinbiegħ barra mis-suq Ġermaniż, il-kompożizzjoni alkoħolika tiegħu trid tintwera fuq it-tikketta.

2. Is-*slivovice* huwa prodott fir-Republika Ċeka u jinkiseb permezz taż-żieda mad-distillat ta' l-għanbaqar, qabel id-distillazzjoni finali, ta' proporzjon massimu ta' 30 % skond il-volum ta' alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola. Dan il-prodott irid jiġi deskritt bħala "xarba ta' l-ispirtu" u l-isem *slivovice* jista' jintuża wkoll fl-istess kamp viżiv fuq it-tikketta ta' quddiem. Jekk dan is-*slivovice* Ċek jitqiegħed fis-suq tal-Komunità, il-kompożizzjoni alkoħolika tiegħu trid tintwera fuq it-tikketta. Din id-dispożizzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-użu ta' l-isem *slivovice* għal xorb spiritu̇ż tal-frott skond il-kategorija 9.

*ANNESS III*

## INDIKAZZJONIJIET ĠEOGRAFIĊI

| Kategorija ta' prodott | Indikazzjoni Ġeografika | Pajjiż ta' l-Oriġini (l-oriġini ġeografika preċiża hi deskritta fil-fajl tekniku) |
|---|---|---|
| 1. Rum | | |
| | *Rhum de la Martinique* | Franza |
| | *Rhum de la Guadeloupe* | Franza |
| | *Rhum de la Réunion* | Franza |
| | *Rhum de la Guyane* | Franza |
| | *Rhum de sucrerie de la Baie du Galion* | Franza |
| | *Rhum des Antilles françaises* | Franza |
| | *Rhum des départements français d'outre-mer* | Franza |
| | *Ron de Málaga* | Spanja |
| | *Ron de Granada* | Spanja |
| | *Rum da Madeira* | Portugal |
| 2. *Whisky/Whiskey* | | |
| | *Scotch Whisky* | Renju Unit (Skozja) |
| | *Irish Whiskey/Uisce Beatha Eireannach/Irish Whisky* ([1]) | Irlanda |
| | *Whisky español* | Spanja |
| | *Whisky breton/Whisky de Bretagne* | Franza |
| | *Whisky alsacien/Whisky d'Alsace* | Franza |
| 3. Spirtu taċ-ċereali | | |
| | *Eau-de-vie de seigle de marque nationale luxembourgeoise* | Lussemburgu |
| | *Korn/Kornbrand* | Ġermanja, Awstrija, Belġju (Il-Komunità li tithaddet bil-Ġermaniż) |
| | *Münsterländer Korn/Kornbrand* | Ġermanja |
| | *Sendenhorster Korn/Kornbrand* | Ġermanja |
| | *Bergischer Korn/Kornbrand* | Ġermanja |
| | *Emsländer Korn/Kornbrand* | Ġermanja |
| | *Haselünner Korn/Kornbrand* | Ġermanja |
| | *Hasetaler Korn/Kornbrand* | Ġermanja |
| | *Samanė* | Litwanja |
| 4. Spirtu ta' l-inbid | | |
| | *Eau-de-vie de Cognac* | Franza |
| | *Eau-de-vie des Charentes* | Franza |
| | *Eau-de-vie de Jura* | Franza |
| | *Cognac* | Franza |
| | (Id-denominazzjoni "*Cognac*" tista' tiġi ssuplimentata bit-termini segwenti: | Franza |
| | — *Fine* | Franza |
| | — *Grande Fine Champagne* | Franza |
| | — *Grande Champagne* | Franza |
| | — *Petite Fine Champagne* | Franza |
| | — *Petite Champagne* | Franza |
| | — *Fine Champagne* | Franza |

| Kategorija ta' prodott | Indikazzjoni Ġeografika | Pajjiż ta' l-Oriġini (l-oriġini ġeografika preċiża hi deskritta fil-fajl tekniku) |
|---|---|---|
| | — *Borderies* | Franza |
| | — *Fins Bois* | Franza |
| | — *Bons Bois)* | Franza |
| | *Fine Bordeaux* | Franza |
| | *Fine de Bourgogne* | Franza |
| | *Armagnac* | Franza |
| | *Bas-Armagnac* | Franza |
| | *Haut-Armagnac* | Franza |
| | *Armagnac-Ténarèze* | Franza |
| | *Blanche Armagnac* | Franza |
| | *Eau-de-vie de vin de la Marne* | Franza |
| | *Eau-de-vie de vin originaire d'Aquitaine* | Franza |
| | *Eau-de-vie de vin de Bourgogne* | Franza |
| | *Eau-de-vie de vin originaire du Centre-Est* | Franza |
| | *Eau-de-vie de vin originaire de Franche-Comté* | Franza |
| | *Eau-de-vie de vin originaire du Bugey* | Franza |
| | *Eau-de-vie de vin de Savoie* | Franza |
| | *Eau-de-vie de vin originaire des Coteaux de la Loire* | Franza |
| | *Eau-de-vie de vin des Côtes-du-Rhône* | Franza |
| | *Eau-de-vie de vin originaire de Provence* | Franza |
| | *Eau-de-vie de Faugères/Faugères* | Franza |
| | *Eau-de-vie de vin originaire du Languedoc* | Franza |
| | *Aguardente de Vinho Douro* | Portugal |
| | *Aguardente de Vinho Ribatejo* | Portugal |
| | *Aguardente de Vinho Alentejo* | Portugal |
| | *Aguardente de Vinho da Região dos Vinhos Verdes* | Portugal |
| | *Aguardente de Vinho da Região dos Vinhos Verdes de Alvarinho* | Portugal |
| | *Aguardente de Vinho Lourinhã* | Portugal |
| | *Сунгурларска гроздова ракия/Гроздова ракия от Сунгурларе/ Sungurlarska grozdova rakya/Grozdova rakya from Sungurlare* | Bulgarija |
| | *Сливенска перла (Сливенска гроздова ракия/Гроздова ракия от Сливен)/Slivenska perla (Slivenska grozdova rakya/Grozdova rakya from Sliven)* | Bulgarija |
| | *Стралджанска Мускатова ракия/Мускатова ракия от Стралджа/Straldjanska Muscatova rakya/Muscatova rakya from Straldja* | Bulgarija |
| | *Поморийска гроздова ракия/Гроздова ракия от Поморие/ Pomoriyska grozdova rakya/Grozdova rakya from Pomorie* | Bulgarija |
| | *Русенска бисерна гроздова ракия/Бисерна гроздова ракия от Русе/Russenska biserna grozdova rakya/Biserna grozdova rakya from Russe* | Bulgarija |
| | *Бургаска Мускатова ракия/Мускатова ракия от Бургас/ Bourgaska Muscatova rakya/Muscatova rakya from Bourgas* | Bulgarija |
| | *Добруджанска мускатова ракия/Мускатова ракия от Добруджа/Dobrudjanska muscatova rakya/muscatova rakya from Dobrudja* | Bulgarija |
| | *Сухиндолска гроздова ракия/Гроздова ракия от Сухиндол/ Suhindolska grozdova rakya/Grozdova rakya from Suhindol* | Bulgarija |
| | *Карловска гроздова ракия/Гроздова Ракия от Карлово/ Karlovska grozdova rakya/Grozdova Rakya from Karlovo* | Bulgarija |
| | *Vinars Târnave* | Rumanija |
| | *Vinars Vaslui* | Rumanija |
| | *Vinars Murfatlar* | Rumanija |
| | *Vinars Vrancea* | Rumanija |
| | *Vinars Segarcea* | Rumanija |

| Kategorija ta' prodott | Indikazzjoni Ġeografika | Pajjiż ta' l-Oriġini (l-oriġini ġeografika preċiża hi deskritta fil-fajl tekniku) |
|---|---|---|
| 5. *Brandy/Weinbrand* | | |
| | *Brandy de Jerez* | Spanja |
| | *Brandy del Penedés* | Spanja |
| | *Brandy italiano* | Italja |
| | *Brandy Αττικής/Brandy of Attica* | Greċja |
| | *Brandy Πελοποννήσου/Brandy of the Peloponnese* | Greċja |
| | *Brandy Κεντρικής Ελλάδας/Brandy of Central Greece* | Greċja |
| | *Deutscher Weinbrand* | Ġermanja |
| | *Wachauer Weinbrand* | Awstrija |
| | *Weinbrand Dürnstein* | Awstrija |
| | *Pfälzer Weinbrand* | Ġermanja |
| | *Karpatské brandy špeciál* | Slovakkja |
| | *Brandy français/Brandy de France* | Franza |
| 6. Spirtu tal-karfa ta' l-gheneb maghsur | | |
| | *Marc de Champagne/Eau-de-vie de marc de Champagne* | Franza |
| | *Marc d'Aquitaine/Eau-de-vie de marc originaire d'Aquitaine* | Franza |
| | *Marc de Bourgogne/Eau-de-vie de marc de Bourgogne* | Franza |
| | *Marc du Centre-Est/Eau-de-vie de marc originaire du Centre-Est* | Franza |
| | *Marc de Franche-Comté/Eau-de-vie de marc originaire de Franche-Comté* | Franza |
| | *Marc du Bugey/Eau-de-vie de marc originaire de Bugey* | Franza |
| | *Marc de Savoie/Eau-de-vie de marc originaire de Savoie* | Franza |
| | *Marc des Côteaux de la Loire/Eau-de-vie de marc originaire des Coteaux de la Loire* | Franza |
| | *Marc des Côtes-du-Rhône/Eau-de-vie de marc des Côtes du Rhône* | Franza |
| | *Marc de Provence/Eau-de-vie de marc originaire de Provence* | Franza |
| | *Marc du Languedoc/Eau-de-vie de marc originaire du Languedoc* | Franza |
| | *Marc d'Alsace Gewürztraminer* | Franza |
| | *Marc de Lorraine* | Franza |
| | *Marc d'Auvergne* | Franza |
| | *Marc du Jura* | Franza |
| | *Aguardente Bagaceira Bairrada* | Portugal |
| | *Aguardente Bagaceira Alentejo* | Portugal |
| | *Aguardente Bagaceira da Região dos Vinhos Verdes* | Portugal |
| | *Aguardente Bagaceira da Região dos Vinhos Verdes de Alvarinho* | Portugal |
| | *Orujo de Galicia* | Spanja |
| | *Grappa* | Italja |
| | *Grappa di Barolo* | Italja |
| | *Grappa piemontese/Grappa del Piemonte* | Italja |
| | *Grappa lombarda/Grappa di Lombardia* | Italja |
| | *Grappa trentina/Grappa del Trentino* | Italja |
| | *Grappa friulana/Grappa del Friuli* | Italja |
| | *Grappa veneta/Grappa del Veneto* | Italja |
| | *Südtiroler Grappa/Grappa dell'Alto Adige* | Italja |
| | *Grappa siciliana/Grappa di Sicilia* | Italja |
| | *Grappa di Marsala* | Italja |
| | *Τσικουδιά/Tsikoudia* | Greċja |
| | *Τσικουδιά Κρήτης/Tsikoudia of Crete* | Greċja |
| | *Τσίπουρο/Tsipouro* | Greċja |

| Kategorija ta' prodott | Indikazzjoni Ġeografika | Pajjiż ta' l-Oriġini (l-oriġini ġeografika preċiża hi deskritta fil-fajl tekniku) |
|---|---|---|
| | *Τσίπουρο Μακεδονίας/Tsipouro of Macedonia* | Greċja |
| | *Τσίπουρο Θεσσαλίας/Tsipouro of Thessaly* | Greċja |
| | *Τσίπουρο Τυρνάβου/Tsipouro of Tyrnavos* | Greċja |
| | *Eau-de-vie de marc de marque nationale luxembourgeoise* | Lussemburgu |
| | *Ζιβανία/Τζιβανία/Ζιβάνα/Zivania* | Ċipru |
| | *Törkölypálinka* | Ungerija |
| 9. Spirtu tal-frott | | |
| | *Schwarzwälder Kirschwasser* | Ġermanja |
| | *Schwarzwälder Mirabellenwasser* | Ġermanja |
| | *Schwarzwälder Williamsbirne* | Ġermanja |
| | *Schwarzwälder Zwetschgenwasser* | Ġermanja |
| | *Fränkisches Zwetschgenwasser* | Ġermanja |
| | *Fränkisches Kirschwasser* | Ġermanja |
| | *Fränkischer Obstler* | Ġermanja |
| | *Mirabelle de Lorraine* | Franza |
| | *Kirsch d'Alsace* | Franza |
| | *Quetsch d'Alsace* | Franza |
| | *Framboise d'Alsace* | Franza |
| | *Mirabelle d'Alsace* | Franza |
| | *Kirsch de Fougerolles* | Franza |
| | *Williams d'Orléans* | Franza |
| | *Südtiroler Williams/Williams dell'Alto Adige* | Italja |
| | *Südtiroler Aprikot/Aprikot dell'Alto Adige* | Italja |
| | *Südtiroler Marille/Marille dell'Alto Adige* | Italja |
| | *Südtiroler Kirsch/Kirsch dell'Alto Adige* | Italja |
| | *Südtiroler Zwetschgeler/Zwetschgeler dell'Alto Adige* | Italja |
| | *Südtiroler Obstler/Obstler dell'Alto Adige* | Italja |
| | *Südtiroler Gravensteiner/Gravensteiner dell'Alto Adige* | Italja |
| | *Südtiroler Golden Delicious/Golden Delicious dell'Alto Adige* | Italja |
| | *Williams friulano/Williams del Friuli* | Italja |
| | *Sliwovitz del Veneto* | Italja |
| | *Sliwovitz del Friuli-Venezia Giulia* | Italja |
| | *Sliwovitz del Trentino-Alto Adige* | Italja |
| | *Distillato di mele trentino/Distillato di mele del Trentino* | Italja |
| | *Williams trentino/Williams del Trentino* | Italja |
| | *Sliwovitz trentino/Sliwovitz del Trentino* | Italja |
| | *Aprikot trentino/Aprikot del Trentino* | Italja |
| | *Medronho do Algarve* | Portugal |
| | *Medronho do Buçaco* | Portugal |
| | *Kirsch Friulano/Kirschwasser Friulano* | Italja |
| | *Kirsch Trentino/Kirschwasser Trentino* | Italja |
| | *Kirsch Veneto/Kirschwasser Veneto* | Italja |
| | *Aguardente de pêra da Lousã* | Portugal |
| | *Eau-de-vie de pommes de marque nationale luxembourgeoise* | Lussemburgu |
| | *Eau-de-vie de poires de marque nationale luxembourgeoise* | Lussemburgu |
| | *Eau-de-vie de kirsch de marque nationale luxembourgeoise* | Lussemburgu |
| | *Eau-de-vie de quetsch de marque nationale luxembourgeoise* | Lussemburgu |
| | *Eau-de-vie de mirabelle de marque nationale luxembourgeoise* | Lussemburgu |
| | *Eau-de-vie de prunelles de marque nationale luxembourgeoise* | Lussemburgu |

| Kategorija ta' prodott | Indikazzjoni Ġeografika | Pajjiż ta' l-Oriġini (l-oriġini ġeografika preċiża hi deskritta fil-fajl tekniku) |
|---|---|---|
| | *Wachauer Marillenbrand* | Awstrija |
| | *Szatmári Szilvapálinka* | Ungerija |
| | *Kecskeméti Barackpálinka* | Ungerija |
| | *Békési Szilvapálinka* | Ungerija |
| | *Szabolcsi Almapálinka* | Ungerija |
| | *Gönci Barackpálinka* | Ungerija |
| | *Pálinka* | Ungerija<br>Awstrija (għal xarbiet spiritużi tal-berquq prodotti biss fil-Länder ta': Niederösterreich, Burgenland, Steiermark, Vjenna) |
| | *Bošácka slivovica* | Slovakkja |
| | *Brinjevec* | Slovenja |
| | *Dolenjski sadjevec* | Slovenja |
| | *Троянска сливова ракия/Сливова ракия от Троян/Troyanska slivova rakya/Slivova rakya from Troyan* | Bulgarija |
| | *Силистренска кайсиева ракия/Кайсиева ракия от Силистра/Silistrenska kaysieva rakya/Kaysieva rakya from Silistra* | Bulgarija |
| | *Тервелска кайсиева ракия/Кайсиева ракия от Тервел/Tervelska kaysieva rakya/Kaysieva rakya from Tervel* | Bulgarija |
| | *Ловешка сливова ракия/Сливова ракия от Ловеч/Loveshka slivova rakya/Slivova rakya from Lovech* | Bulgarija |
| | *Pălincă* | Rumanija |
| | *Ţuică Zetea de Medieşu Aurit* | Rumanija |
| | *Ţuică de Valea Milcovului* | Rumanija |
| | *Ţuică de Buzău* | Rumanija |
| | *Ţuică de Argeş* | Rumanija |
| | *Ţuică de Zalău* | Rumanija |
| | *Ţuică Ardelenească de Bistriţa* | Rumanija |
| | *Horincă de Maramureş* | Rumanija |
| | *Horincă de Cămârzana* | Rumanija |
| | *Horincă de Seini* | Rumanija |
| | *Horincă de Chioar* | Rumanija |
| | *Horincă de Lăpuş* | Rumanija |
| | *Turţ de Oaş* | Rumanija |
| | *Turţ de Maramureş* | Rumanija |
| 10. Spirtu tas-sidru u spirtu tal-perry | | |
| | *Calvados* | Franza |
| | *Calvados Pays d'Auge* | Franza |
| | *Calvados Domfrontais* | Franza |
| | *Eau-de-vie de cidre de Bretagne* | Franza |
| | *Eau-de-vie de poiré de Bretagne* | Franza |
| | *Eau-de-vie de cidre de Normandie* | Franza |
| | *Eau-de-vie de poiré de Normandie* | Franza |
| | *Eau-de-vie de cidre du Maine* | Franza |
| | *Aguardiente de sidra de Asturias* | Spanja |
| | *Eau-de-vie de poiré du Maine* | Franza |

| Kategorija ta' prodott | Indikazzjoni Ġeografika | Pajjiż ta' l-Oriġini (l-oriġini ġeografika preċiża hi deskritta fil-fajl tekniku) |
|---|---|---|
| 15. Vodka | | |
| | *Svensk Vodka/Swedish Vodka* | Żvezja |
| | *Suomalainen Vodka/Finsk Vodka/Vodka of Finland* | Finlandja |
| | *Polska Wódka/Polish Vodka* | Polonja |
| | *Laugarício vodka* | Slovakkja |
| | *Originali lietuviška degtinė/Original Lithuanian vodka* | Litwanja |
| | *Herbal vodka from the North Podlasie Lowland aromatised with an extract of bison grass/Wódka ziołowa z Niziny Północno-podlaskiej aromatyzowana ekstraktem z trawy żubrowej* | Polonja |
| | *Latvijas Dzidrais* | Latvja |
| | *Rīgas Degvīns* | Latvja |
| | *Estonian vodka* | Estonja |
| 17. *Geist* | | |
| | *Schwarzwälder HimbeerGeist* | Ġermanja |
| 18. Ġenzjana | | |
| | *Bayerischer Gebirgsenzian* | Ġermanja |
| | *Südtiroler Enzian/Genziana dell'Alto Adige* | Italja |
| | *Genziana trentina/Genziana del Trentino* | Italja |
| 19. Xarbiet ta' l-ispirtu bit-togħma ta' l-anisi | | |
| | *Genièvre/Jenever/Genever []* | Belġju, Olanda, Franza (Departements Nord (59) u Pas-de-Calais (62)), Ġermanja (il-Bundesländer Ġermaniżi Nordrhein-Westfalen u Niedersachsen) |
| | *Genièvre de grains, Graanjenever, Graangenever* | Belġju, Olanda, Franza (Departments Nord (59) u Pas-de-Calais (62)) |
| | *Jonge jenever, jonge genever* | Belġju, Olanda |
| | *Oude jenever, oude genever* | Belġju, Olanda |
| | *Hasseltse jenever/Hasselt* | Belġju (Hasselt, Zonhoven, Diepenbeek) |
| | *Balegemse jenever* | Belġju (Balegem) |
| | *O' de Flander-Oost-Vlaamse Graanjenever* | Belġju (Oost-Vlaanderen) |
| | *Peket-Pekêt/Pèket-Pèkèt de Wallonie* | Belġju (Région wallonne) |
| | *Genièvre Flandres Artois* | Franza (Departements Nord (59) u Pas-de-Calais (62)) |
| | *Ostfriesischer Korngenever* | Ġermanja |
| | *Steinhäger* | Ġermanja |
| | *Plymouth Gin* | Renju Unit |
| | *Gin de Mahón* | Spanja |
| | *Vilniaus Džinas/Vilnius Gin* | Litwanja |
| | *Spišská borovička* | Slovakkja |
| | *Slovenská borovička juniperus* | Slovakkja |
| | *Slovenská borovička* | Slovakkja |
| | *Inovecká borovička* | Slovakkja |
| | *Liptovská borovička* | Slovakkja |

| Kategorija ta' prodott | Indikazzjoni Ġeografika | Pajjiż ta' l-Oriġini (l-oriġini ġeografika preċiża hi deskritta fil-fajl tekniku) |
|---|---|---|
| 24. *Akvavit/aquavit* | | |
| | *Dansk Akvavit/Dansk Aquavit* | Danimarka |
| | *Svensk Aquavit/Svensk Akvavit/Swedish Aquavit* | Żvezja |
| 25. Xorb spirituż bit-togħma ta' l-anizetta | | |
| | *Anís español* | Spanja |
| | *Anís Paloma Monforte del Cid* | Spanja |
| | *Hierbas de Mallorca* | Spanja |
| | *Hierbas Ibicencas* | Spanja |
| | *Évora anisada* | Portugal |
| | *Cazalla* | Spanja |
| | *Chinchón* | Spanja |
| | *Ojén* | Spanja |
| | *Rute* | Spanja |
| | *Janeževec* | Slovenja |
| 29. *Anis* distillata | | |
| | *Ouzo/Ούζο* | Ċipru, Greċja |
| | *Ούζο Μυτιλήνης/Ouzo of Mitilene* | Greċja |
| | *Ούζο Πλωμαρίου/Ouzo of Plomari* | Greċja |
| | *Ούζο Καλαμάτας/Ouzo of Kalamata* | Greċja |
| | *Ούζο Θράκης/Ouzo of Thrace* | Greċja |
| | *Ούζο Μακεδονίας/Ouzo of Macedonia* | Greċja |
| 30. Xorb spirituż b'togħma morra/bitter | | |
| | *Demänovka bylinná horká* | Slovakkja |
| | *Rheinberger Kräuter* | Ġermanja |
| | *Trejos devynerios* | Litwanja |
| | *Slovenska travarica* | Slovenja |
| 32. Likur | | |
| | *Berliner Kümmel* | Ġermanja |
| | *Hamburger Kümmel* | Ġermanja |
| | *Münchener Kümmel* | Ġermanja |
| | *Chiemseer Klosterlikör* | Ġermanja |
| | *Bayerischer Kräuterlikör* | Ġermanja |
| | *Irish Cream* | Irlanda |
| | *Palo de Mallorca* | Spanja |
| | *Ginjinha portuguesa* | Portugal |
| | *Licor de Singeverga* | Portugal |
| | *Mirto di Sardegna* | Italja |
| | *Liquore di limone di Sorrento* | Italja |
| | *Liquore di limone della Costa d'Amalfi* | Italja |
| | *Genepì del Piemonte* | Italja |
| | *Genepì della Valle d'Aosta* | Italja |
| | *Benediktbeurer Klosterlikör* | Ġermanja |
| | *Ettaler Klosterlikör* | Ġermanja |

| Kategorija ta' prodott | Indikazzjoni Ġeografika | Pajjiż ta' l-Oriġini (l-oriġini ġeografika preċiża hi deskritta fil-fajl tekniku) |
|---|---|---|
| | *Ratafia de Champagne* | Franza |
| | *Ratafia catalana* | Spanja |
| | *Anis português* | Portugal |
| | *Suomalainen Marjalikööri/Suomalainen Hedelmälikööri/Finsk Bärlikör/Finsk Fruktlikör/*<br>*Finnish berry liqueur/Finnish fruit liqueur* | Finlandja |
| | *Grossglockner Alpenbitter* | Awstrija |
| | *Mariazeller Magenlikör* | Awstrija |
| | *Mariazeller Jagasaftl* | Awstrija |
| | *Puchheimer Bitter* | Awstrija |
| | *Steinfelder Magenbitter* | Awstrija |
| | *Wachauer Marillenlikör* | Awstrija |
| | *Jägertee/Jagertee/Jagatee* | Awstrija |
| | *Allažu Kimelis* | Latvja |
| | *Čepkelių* | Litwanja |
| | *Demänovka Bylinný Likér* | Slovakkja |
| | *Polish Cherry* | Polonja |
| | *Karlovarská hořká* | Repubblika Ċeka |
| | *Pelinkovec* | Slovenja |
| | *Blutwurz* | Ġermanja |
| | *Cantueso Alicantino* | Spanja |
| | *Licor café de Galicia* | Spanja |
| | *Licor de hierbas de Galicia* | Spanja |
| | *Génépi des Alpes/Genepì degli Alpi* | Franza, Italja |
| | *Μαστίχα Χίου/Masticha of Chios* | Greċja |
| | *Κίτρο Νάξου/Kitro of Naxos* | Greċja |
| | *Κουμκουάτ Κέρκυρας/Koum Kouat of Corfu* | Greċja |
| | *Τεντούρα/Tentoura* | Greċja |
| | *Poncha da Madeira* | Portugal |
| | *Hüttentee* | Ġermanja |
| 34. *Crème de cassis* | | |
| | *Cassis de Bourgogne* | Franza |
| | *Cassis de Dijon* | Franza |
| | *Cassis de Saintonge* | Franza |
| | *Cassis du Dauphiné* | Franza |
| | *Cassis de Beaufort* | Lussemburgu |
| 40. *Nocino* | | |
| | *Nocino di Modena* | Italja |
| | *Orehovec* | Slovenja |
| Xorb spirituż ieħor | | |
| | *Pommeau de Bretagne* | Franza |
| | *Pommeau du Maine* | Franza |
| | *Pommeau de Normandie* | Franza |
| | *Svensk Punsch/Swedish Punch* | Żvezja |
| | *Pacharán navarro* | Spanja |
| | *Pacharán* | Spanja |
| | *Inländerrum* | Awstrija |
| | *Bärwurz* | Ġermanja |

| Kategorija ta' prodott | Indikazzjoni Ġeografika | Pajjiż ta' l-Oriġini (l-oriġini ġeografika preċiża hi deskritta fil-fajl tekniku) |
|---|---|---|
| | *Aguardiente de hierbas de Galicia* | Spanja |
| | *Aperitivo Café de Alcoy* | Spanja |
| | *Herbero de la Sierra de Mariola* | Spanja |
| | *Königsberger Bärenfang* | Ġermanja |
| | *Ostpreußischer Bärenfang* | Ġermanja |
| | *Ronmiel* | Spanja |
| | *Ronmiel de Canarias* | Spanja |
| | *Genièvre aux fruits/Vruchtenjenever/Jenever met vruchten/Fruchtgenever* | Belġju, Olanda, Franza, (Departements Nord (59) u Pas-de-Calais (62)), Ġermanja (il-Bundesländer Ġermaniżi Nordrhein-Westfalen u Niedersachsen) |
| | *Domači rum* | Slovenja |
| | *Irish Poteen/Irish Póitín* | Irlanda |
| | *Trauktinė* | Litwanja |
| | *Trauktinė Palanga* | Litwanja |
| | *Trauktinė Dainava* | Litwanja |

(1) L-indikazzjoni ġeografika *Irish Whiskey/Uisce Beatha Eireannach/Irish Whisky* tkopri l-*whisky/whiskey* prodott fl-Irlanda u fl-Irlanda ta' Fuq.